Il-Ħajja f'Għawdex

April 2005 Nru. 868

# Mis-Sema jberikna...



# L-isbaħ tifkira tal-Papa Ġwanni Pawlu II - l-aħħar tagħlim tiegħu!




## IS-SENA TA' L-EWKARISTIJA

### Erba' Dokumenti Pontifiċji

*Il-Papa Ġwanni Pawlu II nieda s-Sena Ewkaristika li bdiet f'Ottubru 2004 u għandha tasal fi tmiemha f'Ottubru 2005. Bil-għan li l-insara jiġu mdawwlin dejjem aktar dwar il-Misteru tal-Ewkaristija u mħeġġin biex jikbru fl-imħabba u l-qima tagħhom lejn Kristu fis-Sagrament ta' Mħabbtu, il-Papa fis-17 t'April 2003 ħareġ l-Enċiklika* ***"Ecclesia de Eucharistia"*** *u din diġà ġiet ippubblikata f'librett f'Ottubru 2004 mill-edizzjoni Lumen Christi. Imbagħad ħarġet l-Ittra Appostolika* ***"Mane Nobiscum Domine"*** *li ġġib id-data tas-7 t'Ottubru 2004.*

*Il-Kongregazzjoni tal-Kult Divin u tas-Sagramenti dwar l-istess suġġett ħarġet l-Istruzzjoni* ***"Redemptionis Sacramentum"*** *dwar xi affarijiet li għandhom jiġu osservati u evitati dwar l-Ewkaristija Mqaddsa, u fl-14 t'Ottubru 2004 ippubblikat id-dokument* ***"Is-Sena ta' l-Ewkaristija: Suġġerimenti u Proposti"****.*

*Kien ħsieb għaqli tad-direzzjoni tal-Lumen Christi li tistampa fi ktieb wieħed dawn l-erba' dokumenti pontifiċji, fit-traduzzjoni Maltija tagħhom, sabiex l-insara ta' pajjiżna jista' jkollhom f'idejhom dan it-tagħlim u dawn it-twissijiet ta' l-ogħla Awtorità tal-Knisja, dwar il-Kult Ewkaristiku...*

(Mid-*Daħla* ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi)

**285 paġna, Lm 3.95**

IL-ĦAJJA f'Għawdex

Imwaqqfa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 868*
*April 2005*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 111
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt
*homepage:*
www.gozodirect.com/lumenchristi

Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5

Issettjata: *Lumen Christi Media Centre*
Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534*

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fit-12 ta'April 2005*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
"Status Quo" • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II
u l-Papiet ta' qablu • 12
Versi Riflessivi: "Ma mmutx imma ngħix" • 19
ACM: Awguri ta' Żmien l-Għid •20
Ktieb x'Taqra:
L-hena vera għal min jimxi warajH • 22
Għawdex 300 sena ilu:
Purċisjoni f'ġieh Santu Liju mill-Matriċi għax-Xewkija • 23
Is-Sorijiet Karmelitani f'Għawdex • 24
Il-Biedja f'Għawdex (35) • 26
Tieqa fuq l-Ambjent Għawdxi (4):
In-Niċeċ fil-Belt Victoria •30
Xhieda Nisranija: Mons. Alwiġ Vella (1) •32
Apprezzament: Mons Carmelo Scicluna • 33
Għawdxin li għadna niftakru (24)
-Dwardu ta' Fittit • 34
Passiġġata Biblika- 6 : Il-Poplu Ġdid ta' Kristu fl-Ewwel Ittra ta' San Pietru • 36
Int u saħħtek: Il-Ħajja fil-bidu tagħha• 38
Ħolm il-Ħajja •40
Bejnietna n-Nisa •41
Ġenn id-Dinja • 42





# Id-Dinja Kollha wriet qalbha lejn il-Papa Ġwanni Pawlu II

*Għal dawn l-aħħar ġimgħat l-aħbarijiet fid-dinja kollha kienu iċċentrati fuq il-persuna maħbuba u rispettata tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Kienu ħafna, ukoll dawk li ma jħaddnux ir-reliġjon kattolika, fit-tmiem ta' Marzu, ingħaqdu flimkien f' talba waħda ħerqana lil Alla għal dan il-bniedem kbir li kellu tant għal qalbu l-persuna umana. Segwejna anzjużi pass wara pass il-kundizzjoni ta' saħħet il-Papa li kienet qed tiddeterjora ftit ftit, segwejna b' niket l-aħbar ta' mewtu, segwejna b' għaġeb dawk il-miljuni ta' nies li riedu jagħtuh l-aħħar tislima fiżikament meta kien espost fil-Bażilika ta' San Pietru, u fl-aħħar il-funeral sollenni li sarlu fil-pjazza tal-Vatikan. Il-mewt ta' Papa hija dejjem ġrajja kbira, iżda naħseb li ma nkunx niżbalja jekk ngħid li l-mewt tal-Papa Pollakk Ġwanni Pawlu II ma tintesiex kif ġieb u laħaq.*

*Karol Woytila rnexxielu jisraq il-qlub ta' miljuni. Kien bniedem li bata. Tilef il-familja tiegħu ta' età żgħira, sofra taħt in-Nażiżmu u l-Komuniżmu, studja għal qassis f' seminarju klandestin u dan kollu flimkien ma' diffikultajiet oħra li qatt ma qatgħulu qalbu anzi iżjed sawwru fiħ karattru sod u determinanti. Sa mill-bidu tal-ħajja saċerdotali tiegħu wera li kien jipprometti u l-Mulej għażlu u tellgħu targa wara l-oħra sa fuq is-siġġu ta' Pietru. L-istil, il-ħidma u l-viżjoni tiegħu, bħala suċċessur ta' Pietru, kompliet tagħti sens iktar sinifikanti lill-papat fid-dinja tallum, tant li kif stqarrew ħafna f' dawn il-ġimgħat, Ġwanni Pawlu II irrenda konkretament b' mod viżibbli l-preżenza inviżibbli ta' Kristu Sidna bħal ragħaj f'nofs il-merħla tiegħu.Ġwanni Pawlu II żgur li se jibqa' magħruf għal ħafna affarijiet. Insemmu fost l-oħrajn l-imħabba awtentika li kellu lejn il-Knisja, b'mod speċjali lejn l-Ewkaristija u lejn il-Madonna; il-kelma ta' tama li kellu għal kulħadd, il-kitbiet tiegħu, is-"soft spot" li kellu għaż-żgħażagħ, il-ħidma għall-għaqda fost il-Knejjes, u is-sens ta' maħfra li ittrasmetta ħafna drabi u b'ħafna modi...*

*Iżda forsi l-aktar għal qalbu kienu l-famużi vjaġġi tiegħu madwar id-dinja kollha, li fihom wera kemm verament hu l-missier ta' kulħadd, b' mod speċjali f' dawk il-pajjiżi fejn il-Knisja tinsab mhedda jew f'minoranza. F'dawn il-vjaġġi qatt ma beża jxandar il-verità , jikkundanna dak li hu ħażin u jwiddeb fejn ikun hemm bżonn. Il-preżenza tiegħu fil-pajjiżi foqra tat-tielet dinja kienet xhieda tas-solidarjetà tal-Papa ma l-aktar nies imwarrba u batuti tas-soċjetà. Hemm ħafna iżjed xi tgħid fuq dan il-Papa maħbub minn kulħadd, imma l-ispazju ma jippermettix. Ma xtaqtx iżda nħalli barra l-imħabba partikulari li kellu lejna l-Maltin u l-Għawdxin. It-tifkiriet li ħallilna fiż-żewġ żjarat tiegħu, il-proklamazzjoni ta' l-ewwel tlett Beati tagħna, u l-kliem li qalilna ma jispiċċax maż-żmien iżda flimkien mal-memorja tiegħu jibqgħu f'qalbna għal dejjem. Grazzi Karol, u ma ninsewk qatt!*

***Dun Ruben Micallef***




## *Jum l-Isqof*



Bħas-snin l-imgħoddija, din is-sena ukoll fid-Djoċesi ta' Għawdex ġie organizzat Jum l-Isqof fil-ġurnata ta' għeluq snin Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Il-ġurnata ta' talb għal dan il-jum għalqet b'konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb. Fl-omelija tiegħu, hu irringrazzja lil kulħadd għat-talb u l-ko-operazzjoni. Barra minn dan, Mons. Isqof tkellem dwar xi dmirijiet tal-missjoni episkopali kif imsemmija mill-Papa Ġwanni Pawlu II fil-ktieb tiegħu '*Alzatevi, Andiamo*'. Fost l-oħrajn hu semma li l-Isqof għandu juża kwalunkwe mezz biex jgħallem. Barra minn dan l-Isqof hu dak li jiggwida lil dawk li għandu f'idejh. Fuq kollox l-Isqof għandu dmir li jwiddeb u jikkoreġi fejn hemm bżonn.

## *Tqassim tat-Testment il-Ġdid*

Nhar il-Ħamis 3 ta' Marzu, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ħa sehem f'ċelebrazzjoni fl-iskola sekondarja "Agius de Soldanis" fejn fi tmiemha hu qassam il-ġabra tal-kotba tat-Testment il-Ġdid lill-istudenti tal-Form 1 li jattendu f'din l-iskola. Fil-ħsieb li hu għamel, Mons. Isqof kellem lill-istudenti dwar l-importanza tal-Kelma t'Alla fil-ħajja tal-bniedem u speċjalment dak tal-lum. Hu ħeġġiġhom biex iqallbu, jaqraw u jħobbu l-Kelma t'Alla.

## *Quddiesa b'Suffraġju ta' Fr. Charles Caruana*

Is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, nhar is-Sibt 5 ta' Marzu iċċelebra quddiesa b'suffraġju għal ruħ Fr. Charles Caruana, ex-rettur ta' l-istess Seminarju li dan l-aħħar il-Mulej sejjaħlu għandu. Fr. Charles kien Rettur tas-Seminarju darbtejn fejn fost l-oħrajn kien hu li laqa' l-Papa Ġwanni Pawlu II meta ġie fi gżiritna u anki fis-Seminarju. Qabel il-quddiesa r-Rettur preżenti tas-Seminarju, Dun Anton Teuma għamel introduzzjoni qasira fejn semma xi punti dwar il-ħidma ta' Fr. Charles fis-Seminarju. Għal din il-quddiesa attendew diversi saċerdoti tal-familja Ġiżwita, saċerdoti oħra li tagħhom hu kien rettur, kif ukoll is-seminaristi. Il-quddiesa ġiet immexxija minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

## *Eżerċizzi Spiritwali fuq il-Vapur*

Din is-sena il-ħaddiema tal-kumpanija *Gozo Channel* sarilhom kors ta' Eżerċizzi tar-Randan fejn fost l-oħrajn ġie mistieden jagħmel waħda mil-laqgħat l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Din saret nhar il-Ħamis 10 ta' Marzu fuq il-vapur stess. Ta' min isemmi li l-ħaddiema tal-*Gozo Channel* għandhom *chaplain* li fil-preżent hu l-Arċipriet Joe Zammit tal-Qala.

## *Wirja dwar l-Ewkaristija*

Il-Kummissjoni tal-Arti Sagra fl-okkażjoni tas-Sena Ewkaristika, organizzat wirja ta' oġġetti li kienu jintużaw u oħrajn li għadhom jintużaw fil-knejjes b'relazzjoni mal-Ewkaristija. Din tinsab fis-Sala tal-Esebizzjonijiet tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Wirja ġiet miftuħa nhar il-Ħadd 13 ta' Marzu. Fost l-oħrajn il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono għamlet diskors tal-okkażjoni fejn iddikjarat il-wirja miftuħa. L-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi li kien preżenti, bierek din il-wirja.

## *Ħamis Ix-Xirka*

Din is-sena il-jum għażiż ta' Ħamis ix-Xirka ħabat fl-24 ta' Marzu. Dakinhar filgħodu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa l-konċelebrazzjoni sollenni li fiha ġie mfakkar it-twaqqif tas-Saċerdozju Kattoliku. Is-saċerdoti miġbura ġeddew il-wegħdiet tas-saċerdozju u sar ukoll it-tberik taż-żjut imqaddsa għall-amministrazzjoni tas-sagramenti. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof qal li l-jum ta' Ħamis ix-Xirka ma jistax ma jnissilx fil-qalb tas-saċerdoti s-sens ta' gratitudni għas-sejħa li huma rċevew u għar-rigal tas-Saċerdozju Kattoliku li permezz tiegħu huma jissieħbu ma' Kristu s-Saċerdot il-Kbir, fil-ħidma tiegħu ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha.

## *Il-Mewt tal-Papa*

Fl-okkażjoni tal-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II li ġrat nhar is-Sibt 2 t' April, Mons Isqof ħeġġeġ lill-parroċċi biex verament juru mħabbithom lejn dan il-mexxej għażiż billi jgħinuh bit-talb tagħhom u joffru suffraġji għal ruħu biex il-Mulej jagħtih il-premju tal-ħajja ta' dejjem. Mons. Isqof irrikkmanda li jiġi osservat il-vistu kif ukoll jitqaddes quddies għal ruħu. Barra minn dan, id-Djoċesi iċċelebrat quddiesa fil-Kattidral t'Għawdex nhar is-Sibt 9 t'April, f'għeluq it-tmint' ijiem mill-mewt tiegħu. Għal din il-konċelebrazzjoni ġew mistiedna s-saċerdoti kollha kif ukoll il-lajċi.

# MONUMENT ĠDID B'TIFKIRA TAŻ-ŻJARA TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II F'GĦAWDEX



Għadu kemm twaqqaf kumitat f'Għawdex li għandu bħala *chair-person* tiegħu lil Dr. Monica Vella LL.D bil-għan li jinbena monument *life-size* f'ġieħ il-Papa Ġwanni Pawlu II li miet fil-bidu t'April. Min minna ma jiftakarx iż-żjara li l-Papa għamel lil gżiritna u l-Konċelebrazzjoni li kien mexxa quddiem is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu! Jixraq li nibqgħu nfakkruh!

Għal din il-biċċa xogħol ġie inkarigat l-istatwarju Għawdxi l-Kav. Alfred Camilleri Cauchi u l-kumitat għandu l-ħsieb li l-monument jiġi inawgurat iktar tard din is-sena minn persunaġġ li kien qrib il-Papa u mill-istess pajjiż ta' twelidu. Il-monument se jsir fil-post fejn diġà jeżisti mafkar f'ġieħ il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-bidu tat-triq li titlaq lejn Ta' Pinu u li fil-fatt hija msemmija għalih. Il-kumitat dalwaqt ikun f'qagħda li jxandar l-erba' *Account Numbers* ta' l-erba' Banek kummerċjali li għandna fi gżiritna, fejn kull min jixtieq jista' jikkontribwixxi b'risq dan il-monument. Sadanittant,wieħed jista' jikkuntattja liċ-*chairperson* tal-kumitat, l-Avukat Monica Vella f'nru 99423957.

Jixraq li aħna bħala poplu nisrani nuru l-qima tagħna lejn dan il-Vigarju ta' Kristu, li ġie Għawdex biex juri mħabbtu lejna u għadda jum fostna fis-26 ta' Mejju 1990... jum tad-deheb fl-istorja ta' Għawdex.

PMC TOURS

**ĠITI GĦAS-SAJF 2005**

**19 - 25 TA' LULJU**
3 Hotels Ċentrali f'Ruma-Sorrento u S.Giov. Rotondo
**RUMA - NAPLI - SORRENTO - CAPRI - POMPEI - SAN GIOVANNI ROTONDO fejn hu meqjum San Piju tal-Pjagi**

*************

**31 TA' LULJU - 6 TA' AWISSU**
Hotel waħda fiċ-ċentru ta' Strasbourg
**FRANZA - ĠERMANJA - SVIZZERA**
**STRASBOURG - COLMAR - FREIBURG - EUROPA AMUSEMENT PARK BLACK FOREST- ZURICH - SCHAFFHAUSEN RHINE FALLS**

*************

**15 - 20 TA' AWISSU**
Hotel waħda fil-qalba ta' Lourdes
**LOURDES - PONT D'ESPAIGNE - BIARRITZ - ST JEAN DE LUZ - BARTRES**

*************

**27 ta' AWISSU - 3 TA' SETTEMBRU**
Hotel waħda fil-qalba tal-Lago di Garda
**ITALJA - AUSTRIA**
**VENEZIA - PADOVA - VERONA - DOLOMITI- SIRMIONE GARDALAND AMUSEMENT PARK U INNSBRUCK FL-AUSTRIA**

*************

***Programmi u Bookings:*** **John Portelli Ent. 7 Pjazza Indipendenza,Victoria. Tel.215612-3. Iktar dettalji m'għand l-Organizzatur u Tour Leader: Paul M. Cassar - San Giorgio, Triq Vajrinġa, Victoria - Għawdex. Tel. 21551004 -79021033**

Majestic too Electronics Centre

**Video & DVD Rentals,**
*Sales of:* **TV's, VCR's, Hi-Fi, Mobile Phones & Air-Conditioners**

*F.Mizzi Street, Victoria, Gozo - Malta.*
**Tel: 2156 6616 Mob:79461299**

**Authorized Dealers in Gozo for**

SAMSUNG — ***Satellite Receivers***
SANYO — *TV. DVD. VIDEO. AUDIO*
Pioneer — ***Sound and Vision***
Roadstar — ***Hi-Fi's of All Kinds***

***REPAIR CENTRE FOR MOBILES, TV's, VIDEOS, DVD's, HI-FI's, etc.***

# X'ġara dan l-aħħar



Kronaka Għawdxija minn Lelio Spiteri

## Seminar dwar in-Negozju



L-uffiċċju tal-*Malta Enterprise* f'Għawdex organizza seminar ta' nofs ta' nhar fit-Tiġrija Palazz, ir-Rabat, nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu. L-għan ta' dan is-Seminar kien li jipprovdi introduzzjoni dwar il-kunċetti ta' l-intrapriża u tan-negozju. (*enterprendership and self-employed*). Is-Seminar kien immirat għall-istudenti li qed jattendu l-*Upper Lyceum, MCAST* u studenti universitarji. Il-kelliema li kienu ġejjin mis-settur tan-negozju u li joperaw f'Għawdex, qasmu l-esperjenzi u tagħrif ieħor dwar is-suċċessi u anke l-iżbalji fin-negozju tagħhom. Dan is-seminar ġie organizzat bil-kollaborazzjoni ta' *Datastream, Bank of Valletta, Startup Malta,* u l-Għaqda ta' l-Universitarji Għawdxin.



## Aktar flus mill-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ ta' San Lawrenz

Għat-tmien darba konsekuttiva f'dawn l-aħħar sentejn il-Kunsill Lokali San Lawrenz qed jirċievi fondi sabiex aktar żgħażagħ jibbenefikaw minn skambji ma' żgħażagħ oħra ewropej. Dan sar wara li għal darb'oħra l-Kunsill Lokali reġa' applika taħt il-programm *YOUTH* ta' l-Unjoni Ewropea. Bejn is-Sibt 19 u s-26 ta' Marzu sitt żgħażagħ minn San Lawrenz, flimkien ma' *leader* kellhom l-opportunità li flimkien ma' żgħażagħ oħra minn Spanja, l-Awstrija, id-Danimarka u s-Slovenja jgħaddu esperjenza fil-muntanji ta' l-Awstrija. Fi kliem is-Sindku Noel Formosa dawn l-esperjenzi qed iservu ħafna mill-att edukattiv u soċjali sabiex aktar żgħażagħ ikollhom opportunità li jiftħu aktar l-orizzonti tagħhom. F'soċjeta żgħira bħal ma huwa San Lawrenz u Għawdex u anke l-

istess Malta huwa mportanti li żgħażagħ joħorġu barra minn xtutna u jkunu jafu li l-problemi u l-opportunitajiet huwa l-istess bħall-bqija taż-żgħażagħ fl-Ewropa. Mill-esperjenza juri li dan huwa l-aktar mod effettiv biex l-edukazzjoni tilħaq liż-żgħażagħ.

## *Wirja artistika ta' Henry Alamango*





Bejn id-19 u l-31 ta' Marzu, ġewwa l-Banċa Giuratale, fi Pjazza Indipendenza (it-Tokk) , ir-Rabat, Għawdex, ittellgħet wirja artistika, bit-tema *Hues and Tones*, ta' Henry Alamango. Ix-xogħol artistiku ta' Henry huwa wieħed tipikament seren, kwalità li toħroġ mill-użu delikat u mill-kwalitajiet sottili ta' l-akwarell, il-bażi ta' ħafna mix-xogħol tiegħu. Il-pajsaġġi ta' Henry, kemm dawk ta' l-art kif ukoll dawk tal-baħar huma ta' karattru Mediterranju. Id-dawl qawwi u d-dellijiet, l-aroma tax-xtajtiet Mediterranji, is-saghtar u l-ħarrub minn qalb il-blat jaħraq, kumplimentat mill-aspetti soċjali kollha huma l-kwadri li joħoġu mix-xogħol Mediterranju ta' l-artist Alamango. L-artist iħares lejn id-dinja ta' madwaru f'forom, għamliet u kuluri, li tgħinu biex iwassal il-messaġġ li jixtieq. Henry iħoss li s-suġġett fix-xogħlijiet tiegħu huwa sekondarju; is-suġġett isir biss il-mezz li permezz tiegħu, l-artist iwassal l-emozzjoni u l-burdata, grazzi għall-għazla ta' kuluri li juża.

## *L-ewwel titjira tal-ħelikopter*



Il-Kumpanija Spanjola *Helicopteros Del Sureste SA* , nhar it-Tlieta 22, ta' Marzu, nediet is-servizzi tagħha bil-helikopter bejn iż-żewġ gżejjer, bl-ewwel titjira bi grupp ta' ġurnalisti, flimkien mal-Ministru għall-Kompetittività, il-Perit Ċensu Galea u l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, bħala l-ewwel passiġġieri. Is-servizz fil-fatt beda jaħdem b'mod regolari minn Ħadd il-Għid. Sar magħruf illi l-iskeda tas-sajf, b'medja ta' 18 il-titjira kuljum, tibqa' fis-seħħ sad-29 ta' Ottubru, waqt li fl-iskeda tax-xitwa se jkun hemm tmien vjaġġi. Il-helikopter li qed jintuża hu tat-tip *Bell 412*. Il-kumpannija ffirmat kuntratt ta' ħames snin biex topera dan is-servizz bejn iż-żewġ gżejjer. Il-ħlas tat-transport bejn iż-żewg gżejjer għal dawk li għandhom il-karta ta' l-identità bħala residenti , hu ta' Lm26 bir-ritorn waqt li għall-barranin li ma jgħixux f'Malta, il-prezz hu ta' Lm50 bir-ritorn.

## *Lm 21, 000 miġbura b'risq il-Fondazzjoni Arka*

Is-somma sabiħa ta' 21 elf lira nġabret nhar Sibt il-Għid waqt maratona li saret permezz tal-programm ta' *NET Television* "Kollox Sibt", immexxi minn Karl u Romina Bonaċi. Din il-maratona saret b'risq il-Fondazzjoni Arka f'Għawdex, li fost is-servizzi tagħha toffri kenn u mistrieħ lil persuni bi ħtiġijiet speċjali u l-familji tagħhom fir-*Respite Centre* li jinsab f'Għajnsielem. Stqarrija maħruġa mill-Fondazzjoni Arka tirrigrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom, inkluzi *NET TV* u *Bonaci Media Enterprises*, RTK, it-tekniċi u l-ħaddiema, lil dawk l-individwi li taw il-kontribuzzjoni tagħhom, lill-volontiera, u lil bosta ditti li offrew rigali biex jittellgħu waqt il-maratona televiżiva u tar-radju



RTK li mbagħad kompla bil-maratona ta' ġbir nhar Ħadd il-Għid. Mill-maratona tar-radju, inġabret is-somma ta' madwar Lm800. Għal erbat ijiem sħaħ, fiċ-Ċentru tar-*Respite* sar bażaar biex jissuktaw jinġabru fondi għat-tmexxija ta' l-istess lokal. Kien hemm għall-bejgħ oġġetti tad-dar, kotba, ġugarelli, ħelu, offetti ta' l-ikel u nbejjed, ħwejjeġ, pjanti u għodod.

# RIŻULTAT TA' L-ELEZZJONIJIET TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX 12 ta' Marzu 2005

## FONTANA

Voti reġistrati: 704
Voti mitfugħin: 573
Voti validi: 549
Voti invalidi: 24
Kwota: 92
MLP 37.89%; PN 62.11%
Ind: 00.00%
Eletti: MLP: Lawrence Apap, Anthony Cassar – PN: Saviour Borg, Victor Cefai, Maria Schembri.

## GHAJNSIELEM

Voti reġistrati: 2123
Voti mitfugħin: 1584
Voti validi: 1492
Voti invalidi: 92
Kwota: 249
MLP 30.16%; PN 57.84%
Ind: 12.00%
Eletti: MLP: Larry Buttigieg – PN: Francis Cauchi, Stephen Mercieca, Anthony Lateo – IND: Joseph Debono.

## GHASRI

Voti reġistrati: 390
Voti mitfugħin: 293
Voti validi: 276
Voti invalidi: 17
Kwota: 47
MLP 43.48%; PN 56.52%
Ind: 00.00%
Eletti: MLP: Joseph Farrugia, Stephen Spiteri – PN: Andrew Vella, Emanuel Mintoff, Renance Aquilina.

## NADUR

Voti reġistrati: 3453
Voti mitfugħin: 2737
Voti validi: 2590
Voti invalidi: 147
Kwota: 432
MLP 34.83%; PN 62.47%
Ind: 2.70%
Eletti: MLP: Maria Natoli, Jonathan Buttigieg – PN: Christopher Said, Mary Portelli, Andrew Muscat.

## XEWKIJA

Voti reġistrati: 2478
Voti mitfugħin: 1856
Voti validi: 1763
Voti invalidi: 93
Kwota: 294
MLP 66.99%; PN 33.01%
Ind: 00.00%
Eletti: MLP: Monica Vella, George Zammit, Donald Pace, Taddeo Busuttil – PN: Teddy Mizzi.




# STATISTIKA U PROSPETTIVA DWAR GĦAWDEX U L-GĦAWDXIN

## 1 Il-"Gozo Channel" bl-akbar numru ta' passiġġieri u vetturi fl-aħħar ħames snin

Matul is-sena li għaddiet il-*Gozo Channel* ġarret 3,512,400 passiġġieri u 914,124 vettura tal-passiġġieri bejn Malta u Għawdex jew viċi versa. Dan kien l-akbar ammont ta' passiġġieri u vetturi li ġarret il-*Gozo Channel* matul l-aħħar ħames snin.

Dawn iċ-ċifri kienu ppubblikati mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika (NSO). Ta' min ifakkar li minkejja ż-żieda fin-numru ta' passiġġieri u vetturi, matul is-sena li għaddiet saru l-inqas numru ta' vjaġġi bejn iż-żewġ gżejjer u dan minħabba l-investiment li sar fil-bini tat-tliet vapuri ġodda.

L-istatistika tal-NSO turi li matul is-sena 2000 il-*Gozo Channel* ġarret 3,068,516 passiġġier u 716,621 vettura tal-passiġġieri u b'kollox saru 21,930 vjaġġ.

Fis-sena 2001 kien hemm 3,178,113 passiġġieri, 775,392 vettura u saru 21,756 vjaġġ.

Fl-2002 kien hemm 3,319,740 passiġġier, 824,095 vettura u saru 19,351 vjaġġ.

Fl-2003 kien hemm 3,388,102 passiġġier, 899,221 vettura u saru 18,856 vjaġġ.

*("Il-Mument", 13-03-05)*

## 2 Sussidju lil Studenti Għawdxin

Il-gvern qed jagħti sussidju ta' Lm70 kull tliet xhur lil dawk l-istudenti Għawdxin li ma jkollhomx stipendji għax ikunu rrepetew is-sena u li jkunu qegħdin jattendu korsijiet f'Malta li ma jsirux f'Għawdex.

Dan qalitu l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono fi tweġiba għall-interpellanza.

*("In-Nazzjon", 10-03-05)*

## 3 200 taxi f'Malta u 50 f'Għawdex

In-numru ta' taxis f'Malta jlaħħaq il-200 waqt li n-numru ta' sidien ta' dawn il-vetturi huwa ta' 154. F'Għawdex hemm 50 taxi u n-numru ta' sidien tat-taxis huwa ta' 48. Dan ifisser li kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex hemm sidien li għandhom aktar minn taxi waħda.

Din l-informazzjoni ngħatat mill-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq Jesmond Mugliett fuq mistoqsija parlamentari tad-deputat laburista Evarist Bartolo.

*("l-Orizzont", 10-02-05)*

## 4 Fil-ħames snin li għaddew saru 1,802 road block mill-Forzi Armati ta' Malta. Dawn ir-road blocks saru 1,436 f' Malta u 366 f'Għawdex.

Lawrence Gonzi, il-Prim Ministru, fi tweġiba li ta fil-Parlament għal interpellanza tad-Deputat Nazzjonalista Joseph Cassar, qal li f'Għawdex fis-sena 2000 saru 86 *road block*, fl-2001-103, fl-2002-78, fl-2003-57 u fl-2004 – 42.

*("In-Nazzjon", 02-02-05)*

## 5 Morda bil-kanċer f'Għawdex

Kien minn dak li qalet il-Membru Parlamentari Laburista Għawdxija fil-Parlament l-Avukat Justyne Caruana li sirna nafu li f'Għawdex, ir-rata ta' dawk li huma morda bil-kanċer qiegħda tiżdied u bħalissa hawn 487 persuna rreġistrati li jfisser 7.7 fil-mija tal-popolazzjoni Għawdxija. Din hija sitwazzjoni ta' tħassib. Nafu li dawn iridu jmorru Malta minn żmien għall-ieħor għall-kura. Imn'Alla xi snin ilu kien hemm min xtara karozza biex tintuża minn dawn in-nies.

*("l-Orizzont", 17-02-05)*

## 6 Rappreżentanza Għawdxija

"Dan il-Gvern jagħti rappreżentanza lil Għawdex f'kollox." Dan stqarru l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi Louis Galea fil-Parlament, meta kien qed ikun diskuss it-twaqqif tal-Kunsill għall-Arkivji Nazzjonali, li se jinkludi membru maħtur mill-Ministru responsabbli għal Għawdex.

It-twaqqif ta' dan il-Kunsill qed ikun propost fl-Abbozz ta' Liġi dwar Arkivji Nazzjonali li kompla jkun diskuss fi Stadju ta' Kumitat.

Il-Ministru Galea qal li dan il-Kunsill se jkun magħmul minn President, mis-Sovrintendent tal-Patrimonju Nazzjonali jew mir-rappreżentant tiegħu, mill-President ta' *Heritage Malta*, mill-Bibljotekarju Nazzjonali, mis-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, minn persuna li tirrappreżenta arkivji jew ċentri ta' rekords, u minn tliet persuni oħra li huma magħrufa li jużaw u huma familjari ma' l-arkivji, fosthom persuna nominata mill-Ministru responsabbli għal Għawdex.

*("In-Nazzjon", 10-03-05)*

# ĊIKKU L-GĦAWDXI



## *Trid "Tgħaddi Bord"? IGDEB!*

**Waqt il-qari tal-Passju nhar il-Ġimgħa l-Kbira, fi knisja mballata b'kull xorta ta' nies, dehret f'moħħi xena, jew aħjar speċi ta' karikatura bħal dawk li naraw fil-ġurnali, imma b'messaġġ daqsxejn stramb.**

Rajt lil Pilatu, b'Ġesù arrestat u b'idejh marbuta, wieqaf dritt imma b'rasu baxxuta, quddiemu. Minn fomm Pilatu jidhru ħerġin il-kelmiet: "*U l-verità x'inhi?*" Imma wara dahar Pilatu kien hemm "bill-board" kbir, bħal dawk li bdejna naraw weqfin f'xi ġnub tat-toroq prinċipali, u fuqu kien hemm miktub "slogan" b'ittri kbar u grassi: " ***Trid tgħaddi bord? Igdeb!***" ... F'din id-dehra stramba ġo moħħi, rajt lill-imsejken Ġesù jerfa' rasu bil-mod, u flok ħares lejn Pilatu biex iwieġbu għall-mistoqsija li kien għamillu, ħares ħarsa lejn il-"bill board" li Pilatu kellu warajh, u baqa b'fommu mitbuq...

Ara ma tmorrux tfittxuha din id-dehra fil-Vanġelu, tafux!! Kienet fantasija tiegħi li nibtet minn vers 38 ta' kap 18 tal-Vanġelu ta' San Ġwann, iva, imma l-bqija frott l-immaġinazzjoni fertili tiegħi! Bqajt inħammem fuqha din il-karikatura ta' moħħi, u wasalt biex nifhem il-messaġġ attwali, tajjeb jew ħażin, ta' din il-karikatura serja. Almenu kif stajt nifhimha.

Ilni ħafna nisma' stejjer ta' nies li rnexxielhom "jgħaddu bord", fl-aħjar snin ta' ħajjithom (mat-30 sena) u fl-aqwa ta' saħħithom. Xi ħadd li jaf sewwa x'qed jiġri f'dan il-qasam, dan l-aħħar qalli li 75% ta' dawk kollha li qed jgħixu b'ċekk kull xahar minn għand il-Gvern (jew aħjar minn fuq dahar il-poplu taxxabbli) kemm bl-assistenza soċjali (tar-"relief") kif ukoll dawk irtirati mix-xogħol qabel iż-żmien ħaqqhom jew ma ħaqqhomx, irnexxielhom jakkwistaw dak iċ-ċekk mensili bi ftit jew wisq tal-qerq!

Xi ħaddieħor qalli li l-"policy" vera ta' kif tista' "*tgħaddi bord faċilment*" hija waħda komuni ħafna: mur għand "ċerti" tobba, itlobhom jagħmlulek ċertifikat li inti "mental case" (b'dipressjoni qawwija, stress, nervi kbar) jew inkella "orthopaedic" (ajma dahri!), newlilhom mitt lira minn taħt (bla rċevuta!), u tgħaddi żgur!

Kemm dan huwa minnu, onestament ma nafx. Lanqas irrid ngħid li kulmin għadda bord ma kellux dritt għall-għajnuna, jew li kulħadd qarrieqi. Imma kif tista' tispjega ċeri fatti konkreti? Ħa nsemmi tlieta biss mill-ħafna li ħafna nies jafu bihom:

1. Ġuvni jbigħ is-saħħa, għadda bord bil- gidba ta' ċertifikat li dahru juġgħu, qed jirċievi ċekk sabiħ fix-xahar, u xorta baqa' jitħabat mal-privat... jerfa' l-ġebel!

2. Xebbiet fl-aħjar tagħhom (jgħidu li hawn bil-gzuz!), ħarġu kmieni minn fabbrika li kienet ser tagħlaq, ngħataw parir biex jgħaddu bord bħala "mental case", u barra ċ-ċekk kull xahar minn għand il-gvern, qed jaħdmu bil-moħbi u jaqilgħu kemxa oħra minn tindif ta' "flats" u "farmhouses", "part-time waiters" u "part-time drivers", fi kċejjen jew "wash-rooms" ta' lukandi, eċċ, eċċ. Bid-"depression" b'kollox!

3. Irġiel u anke nisa "tal-pinna" li wara perjodu ta' xogħol maċ-ċivil f'diversi dipartimenti u uffiċini,

għaddew bord bħala "mental" biex illum, barra l-pensjoni minn kmieni, qed jaħdmu bil-moħbi bħala "accountants", "telephone operators", "side-helpers" u segretarji ma' kumpaniji, ditti u azjendi privati. U hekk jgħixu komdi ħafna bid-"double pay"!

Imbagħad, mill-banda l-oħra, tisma b'każijiet ta' ħaddiema fil-ħamsinijiet ta' ħajjithom, jokorbu bl-artrite f'irkopptejhom jew dirgħajhom; oħrajn li għandhom "heart-condition" bil-"by-pass"; oħrajn b'dijabete ddoqq l-iskotti u fuq dieta stretta; jew oħrajn bi pressjoni inkontrollabli tiela u nieżla mas-seba' sema; jew oħrajn li jbagħtu b'xi forma ta' ażma jew allerġiji akuti, eċċ, eċċ. U dawn, għax daharhom ma juġagħhomx jew għax moħħhom għadu jaħdem sew, m'għandhomx ċans li jgħaddu bord. Ikollhom ikomplu jaħdmu jew jirreġistraw għax mhumiex lesti li jqarrqu b'ċertifikat falz ta' tabib!

F'kelma waħda, donnha l-qanpiena qegħda tistona hekk: ***għidli anke b'gidba li dahrek juġgħek jew li moħħok qed jiżboxxla u tasal!*** Jekk tassew huwa hekk, b'wiċċi minn quddiem nistaqsi: Din hi l-ġustizzja soċjali li niftaħru li għandna f'pajjiżna? Din hi l-onestà nisranija ta' min irnexxielu jgħaddi bord bil-qerq u mingħalih li jista' jmur jitqarben anke kuljum b'kuxjenza safja u kwieta?! Din hi s-sistema ġusta ta' kif tista tgħix komdu billi tgħodd ruħek mal-imġienen basta ħadd ma jgħidlek li moħħok żboxxla?!

Kollox jinġabar taħt kelma waħda: QERQ! Inkella tliet kelmiet f'parir wieħed tassew korrott: "**Igdeb** biex **tqarraq** biex **tgawdi**!". U tinkwetax jekk il-kaxxa tal-Gvern falluta! L-aqwa li int dabbart rasek u ma spiċċajtx bħal Kristu fuq il-kalvarju tal-ħajja! L-aqwa li ċ-ċekk jibqa' jasal kull xahar... bis-saħħa ta' gidba!!

## *Ftietaq u Teftif ieħor...*

**1.** Għoġobni ħafna l-kumment ta' l-Onor. Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi f'intervista li saritlu f' "Il-Mument" tas-6 ta' Marzu (p.7): "Għawdex ħaqqu u jistħoqqlu l-prijorità u l-attenzjoni partikolari, għax jekk Għawdex jimxi 'l quddiem Malta wkoll timxi 'l quddiem. Hu ħolqa importanti fis-servizz tagħna, partikolarment fit-turiżmu". Nawguraw li din il-konvinzjoni u determinazzjoni tal-Onor. Prim Ministru tissarraf f'fatti konkreti, bit-twettiq ta' tant proġetti utli mwegħda lill-Għawdxin f'dawn l-aħħar għoxrin sena...

**2.** Xbajt naqra ittri u artikli kontroversjali li mlew il-paġni tal-ġurnali matul Marzu, dwar il-kwistjoni polemikuża tal-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat! Inqas ma ngħidu u nargumentaw dwar dak li ġara, b'raġun u mhux raġun, tort u mhux tort, ikun aħjar għal kulħadd. Kulħadd sofra bi kwistjoni banali bħal din, imma żgur li isem Għawdex u l-identità reliġjuża tiegħu, fost il-Maltin u l-barranin, ħadu l-akbar daqqa ta' ħarta! F'ġieħ isem Għawdex, ejjew ninsew kollox malajr! Jaqbel lil kulħadd!

**3.** Nifirħu u nawguraw lill-kandidati li ġew eletti fl-aħħar elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li saru fil-Fontana, Għajnsielem, Għasri, Nadur u Xewkija. Ħadt gost nara li almenu f'Għawdex kellna l-kwiet u l-kalma, minkejja kull influwenza ta' politika partiġġjana. Żgur li hija x-xewqa tal-Għawdxin kollha li issa l-kandidati eletti jwarrbu għall-ġenb id-differenzi partiġjani ta' bejniethom u jaħdmu bil-qalb, u bla interessi personali jew politiċi, għall-veru ġid u progress soċjali tal-lokalitajiet tagħhom.

## *Ritratt... b'mistoqsija*



**Tgħid l-*Eco Tax* twassalna biex nibdlu wiċċ Għawdex?**
**Meta se jkollna rebbiegħa mimlija fjuri flok boroż tal-plastik?**

# Il-Papa Ġwanni Pawlu II f'kuntest storiku mal-Papiet ta' qablu



*Ħsibijiet ta' Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex*



**Il-Papa Ġwanni Pawlu II li ħalla din id-dinja nhar is-Sibt 2 t'April fil-għaxija, kien il-Papa li mexxa l-Knisja ta' Kristu fl-aħħar snin tas-seklu għoxrin u daħħalha fl-ewwel seklu tat-tielet millenju.**

Ħafna ntqal u nkiteb dwar ħajtu u ħidmietu, fil-mezzi kollha tal-kommunikazzjoni soċjali, u ħafna għad fadal x'ngħidu dwaru; iżda forsi t-tifsira u l-importanza tal-pontifikat tiegħu nistgħu nifhmuhom u napprezzawhom iktar jekk narawh fil-"*background*" storiku tiegħu u nipprovaw ninterpretawh bħala kontinwazzjoni ta' dak li għamlu l-papiet ta' qablu, matul is-seklu għoxrin. Fl-aħħar mill-aħħar, il-Knisja, immexxija dejjem mill-Ispirtu s-Santu, tkompli sejra fil-mixja tagħha, għad li l-papiet itemmu ħajjithom u jinbidlu wieħed wara l-ieħor.

**META ŻERNAQ IS-SEKLU GĦOXRIN**, fuq it-tron ta' Pietru kien hemm il-Papa Ljun XIII. Kien il-Papa li ppromova l-istudji tal-Bibbja u tax-xjenzi teoloġiċi, u waqqaf relazzjonijiet diplomatiċi ma' ħafna pajjiżi. Kien il-Papa tal-Ħaddiema u ħareġ enċikliċi li fihom ħafna tagħlim soċjali, li għal dak iż-żmien kienu innovazzjoni.

**Il-Papa Ġwanni Pawlu II kompla mexxa 'l quddiem u żviluppa t-tagħlim soċjali tal-Knisja mibdi minn Ljun XIII.** Bħalu ddefenda l-ħaddiema u l-għaqdiet tagħhom. Fakkar l-enċiklika *Rerum Novarum*, f'għeluq il-mitt sena tagħha bl-enċiklika *Centesimus Annus*; barra li kien diġa tana żewġ enċikliċi soċjali oħra, "*Laborem Exercens*" (1981) u "*Sollecitudo Rei Socialis*" (1987).

**MIS-SENA 1903 SAL-1914**, il-Knisja ta' Kristu kienet immexxija mill-Papa San Piju Għaxra. Kien jinsisti ħafna fuq it-tagħlim tal-katekiżmu. Bir-raġun kollu nsejħulu l-Papa ta' l-Ewkaristija, għaliex mhux biss kien jinsisti fuq il-qima lejn l-Ewkaristija, iżda b'żewġ degrieti tiegħu inkoraġixxa t-Tqarbin ta' spiss u anke ta' kuljum u kkonċieda li t-tfal jagħmlu l-Ewwel Tqarbina tagħhom.



**M'għandniex ninsew li opra kbira li għamel il-Papa Wojtyla kienet il-pubblikazzjoni tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, fis-sena 1992.** Fid-daħla ta' dan il-ktieb, il-Qdusija tiegħu Ġwanni Pawlu II għamel dan l-appell: "Nitlob lir-Ragħajja tal-Knisja u lill-fidili biex jilqgħu dan il-Katekiżmu bi spirtu ta' xirka u jużawh kontinwament huma u jaqdu l-missjoni tagħhom ħa jxandru l-fidi u jistiednu għall-ħajja skond l-Evanġelju". Barra minn hekk ma hemm ebda dubju li t-**titlu ta' "Papa ta' l-Ewkaristija" jistħoqq lilu lkoll**; biżżejjed insemmu l-Enċiklika *"Ecclesia De Eucharistia"* u s-Sena Ewkaristika, li bdiet f'Ottubru tas-sena 2004.

Il-Papa li rieġa d-dagħjsa ta' Pietru fi żmien **L-EWWEL GWERRA DINJIJA (1914-1919)** u fis-snin ta' wara kien il-Papa Beneditt XV (1914-1922). L-opra tiegħu favur il-priġunieri tal-gwerra u l-vittimi tagħha ġiet rikonoxxuta universalment, saħansitra mill-Gvern Tork. Il-Papa Beneditt XV ħadem ħafna għall-paċi, u għar-rikostruzzjoni tal-pajjiżi Ewropej, fejn il-gwerra ħalliet ħerba kbira.

I-ewwel Kodiċi tal-Liġi Kanonika ħareġ fl-1917 bl-approvazzjoni tal-Papa Benedittu XV, **il-Papa Ġwanni Pawlu II ippromulga l-Kodiċi l-Ġdid ta' wara l-Konċilju fl-1983**, wara li flimkien ma' konsulturi tiegħu eżamina u approva kull wieħed mill-artikli tiegħu.

Il-ħidma favur l-umanità mwettqa mill-Papa li ħalliena ġiet imfaħħra minn kapijiet ta' ħafna stati u semmewha wkoll mexxejja ta' reliġjonijiet differenti minn tagħna. Huwa saħaq ukoll fuq id-drittijiet tal-bniedem, fuq il-valur tal-ħajja li fi żmien il-gwerra tiġi ssagrifikata inutilment, u ħabrek kemm felaħ għall-paċi internazzjonali.

**IL-PAPA PIJU XI (1922-1939)** li qabel kien Arċisqof ta' Milan kien iħobb l-atletika u mħarreġ fl-alpiniżmu. Kien bniedem ta' karattru qawwi. Għaraf minn kmieni t-theddida għall-umanità u għall-Knisja kienet ġejja mid dittatura u mill ideoloġiji tal-kommuniżmu, nażiżmu u faxxiżmu. Kiteb enċikliċi kontra kull waħda minnhom. Wera fiduċja sħiħa fil-lajċi nsara u organizza bl-ikbar għaqal l-Azzjoni Kattolika bil-frieghi kollha tagħha.

Il-Kardinal Wojtyla, xejn inqas mill-Kardinal Achille Ratti, kien iħobb l-isports u kien jieħu sehem fl-ativitajiet atletiċi, bħal ma huwa l-qdif u l-alpiniżmu. Kien jixbaħ







lill-Papa Piju XI fil-karattru qawwi tiegħu u fil-kuraġġ biex jiddefendi l-jeddijiet ta' Alla. Iktar minnu wkoll kellu jsaqqaf wiċċu mat-theddid tar-reġim nażista u komunista, u ġarrab tbatija mhux żgħira, meta dawn kienu jaħkmu f'art twelidu l-Polonja. Ta sehem kbir biex il-komuniżmu atew, mhux biss f'pajjiżu iżda f'artijiet l-oħra tal-blokk sovjetiku, jitlef il-qawwa tiegħu u jisfaxxa.

**IL-PAPA PIJU XII (1939-1958)** ra matul l-ewwel ħames snin tal-Pontifikat tiegħu, it-traġedja tat-Tieni Gwerra Mondjali, iżda rnexxielu jsalva l-belt ta' Ruma mill-qerda meta kienet maħtufa mill-eżerċtu nażista, u anki meta saret l-invażjoni tat-truppi alleati. Huwa ta l-għajnuna sħiħa tiegħu lill-vittmi tal-gwerra u ħadem kontinwament biex in-nazzjonijiet jaslu għall-paċi ġusta. Wara tmiem il-gwerra ħabrek għan-normalizzazzjoni tal-ħajja fil-pajjiżi ewropej wara l-ħerba li ħalliet warajja l-gwerra.

Kien magħruf għall-għerf tiegħu, u għadhom jissemmew sallum id-diskorsi tiegħu, dwar suġġetti li jvarjaw minn teoloġija u axxetika, għall-problemi soċjali, u tal-etika professjonali.

Stqarr publikament l-imħabba tiegħu lejn il-Verġni Mqaddsa, nieda u ċċelebra is-Sena Marjana fl-1954, fiċ-ċentinarju tad-dehra ta' Lourdes u ġie msejjaħ "Il-Papa ta' l-Assunta" għaliex ipproklama d-domma ta' l-Assunzjoni fl-1 ta' Novembru 1950. Għaraf juża tajjeb il-*mass media*, li kien hemm fi żmienu u permezz tar-radju wassal il-messaġġ tiegħu sa l-ibgħat truf tad-dinja.

Ċerti karatteristiċi tal-pontifikat ta' Piju XII jispikkaw ukoll f'dak ta' Ġwanni Pawlu t-Tieni. Insemmu fost l-oħrajn, l-interess tiegħu fir-rikostruzzjoni u l-evanġelizzazzjoni tal-Kontinent





Ewropew. L-użu għall-skop pastorali tal-*mass media*, fosthom ir-radju, u fi żmien l-aħħar papa, anki t-televiżjoni. Iż-żewġ papiet kienu poliglotti u studjużi tal-problemi ta' żmienhom.

**Imma forsi l-aqwa xebħ li kien hemm bejniethom hija l-qdusija tagħhom u d-devozzjoni filjali lejn l-Omm tagħna tas-smewwiet. Il-Papa Wojtyla, mhux biss tkellem hekk tajjeb fuq l-Omm u s-Sultana tagħna, iżda ħallielna wkoll enċiklika dwarha bħalma hija "*Redemptoris Mater*" (1987). Żar wieħed wara l-ieħor is-santwarji tagħha l-iktar magħrufa, mxerrdin mad-dinja, saħansitra fil-gżira żgħira tagħna.**



**ĠWANNI XXIII (1958-1964)** mexxa d-dagħjsa ta' Pietru għal ħames snin biss, imma kienu snin li fihom il-Knisja Kattolika rat qawmien ġdid, għaliex "huwa fetaħ it-twieqi biex tidħol arja ġdida". Ġie msejjaħ "*Il Papa Buono*" u minnflok ma baqa' magħluq fil-Vatikan kif kienu għamlu l-Papiet ta' qablu għal ħafna snin, il-Papa Rancalli ried iżur il-parroċċi, l-isptarijiet u saħansitra l-ħabs. Ħallielna żewġ enċikliċi soċjali imprezzabli, il-*Mater et Magistra* (1961) u l-*Pacem in Terris* (1963). Madanakollu, l-ikbar opra tiegħu kienet dik li fetaħ u mexxa l-ewwel sessjonijiet tal-Konċilju Vatikan II. Għad li ma rnexxilux jara it-tmiem tiegħu, iżda bla dubju ta xejn, dan il-Konċilju kien ta' ġid kbir għall-Knisja Kattolika, u fetħilha toroq ġodda.

**Il-Papa Wojtyla mhux biss ħa sehem fil-laqgħat tal-Konċilju, iżda għamel minnu l-programm tal-ħidma pastorali tiegħu kemm meta kien isqof ta' Krakovja, kif ukoll bħala Papa, matul is-26 sena tal-pontifikat tiegħu.** Dwarha kiteb hekk: "Il-Papa Ġwanni XXIII ried li l-Konċilju jara kif iħares aħjar id-depożitu tal-fidi nisranija u jurih b'mod li jkunu jistgħu



jilqgħuh aħjar kemm il-fidili ta' Kristu u kemm il-bnedmin kollha ta' rieda tajba" (Daħla għall-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika). Dak li ried il-Papa Roncalli, b'ħiltu kollha pprova jwettqu l-Papa Wojtyla.

**IL-PAPA PAWLU VI (1963-1978)** kien dak li wassal fi tmiemu l-Konċilju Vatikan II u ntefa' b'ruħu u ġismu għat-twettieq tiegħu. Fi żmien il-pontifikat tiegħu twettqu riformi tabilħaqq meħtieġa, mhux biss fil-Liturġija, iżda wkoll fit-tmexxija tal-Knisja, bħal ma huma l-istrutturi ġodda biex isehh il-prinċipju ta' kolleġġjalità. Fost l-enċikliċi kollha għerf li ħallielna Pawlu VI żgur li tibqa' tissemma l-ewwel waħda tiegħu "*Ecclesiam Suam*" li dehret fis-6 t'Awissu 1964. Fiha mhux biss wera l-imħabba lejn il-Knisja li kienet tanimah kontinwament, iżda tana wkoll viżjoni dwar il-futur tagħha. Fit-tielet parti ta' l-enċiklika jitkellem dwar id-djalogu li l-Knisja għandha żżomm mal-bnedmin ta' żminijietu. Huwa nnifsu għamel l-ewwel tentattivi ta' djalogu ma' l-aħwa mifrudin minna u beda l-ewwel vjaġġi apostoliċi fuq skala internazzjonali meta żar l-Art Imqaddsa, u s-Sede tal-Ġnus Maqgħuda fi New York, għaliex il-Papa ta' qablu, Ġwanni XXIII kien wasal biss sa Assisi u Loretu ġewwa l-Italja.

**Il-kontinwazzjoni lejn il-pontifikat ta' Pawlu VI u ta' Ġwanni Pawlu II tidher ċara. Dan ta' l-aħħar kompla jwettaq ir-riformi post-konċiljari u kompla jħaddem l-istrutturi mitluba mill-Konċilju fosthom il-laqgħat tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet.** Kompla d-deċentralizzazzjoni tal-Knisja Romana u ħatar kardinali minn artijiet tat-Tielet Dinja. Fuq kollox huwa wera kuraġġ u determinazzjoni biex jimxi fit-toroq ta' djalogu skond it-tagħlim ta' Pawlu VI. Minflok ftit vjaġġi li rnexxilu jagħmel il-Papa Montini, Ġwanni Pawlu II għamel żjariet pastorali f'kull parti tad-dinja u ġibed warajh folol kbar ta' nies.



**ĠWANNI PAWLU I (1978)** li sar papa wara Pawlu VI dam jirgħa l-merħla ta' Kristu għal ftit ġranet biss, imma dawn kienu biżżejjed biex jagħtu impronta ġdida fuq il-figura tal-Vigarju ta' Kristu. Sejjħulu "l-Papa tat-tbissima", kien iħobb in-nies umli, ħalla jersqu lejh anki t-tfal, biex kif kien jgħid hu "jgħinuh fid-diskorsi tiegħu" li hu kien jagħtihom sura ta'djalogu. Nistgħu ngħidu li l-Papa Luciani kien jippersonifika s-sempliċità evanġelika.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II mill-Papa ta qablu wiret l-isem, li ntuża għall-ewwel darba fl-istorja tal-Knisja mill-Papa Luciani. Barra minn hekk, wieħed jara wkoll xebh kbir fl-avviċinament lejn l-poplu, kif jidher fil-ġrajja taż-żewġ papiet. **Bħall-Papa Luciani, il-Papa Wojtyla għaraf jersaq lejn in-nies ta' kull kategorija, u wriħom kemm jinteressa ruħu fihom u jħobbhom, anki jekk huma żgħar u mingħajr importanza fid-dinja.**

Smajnieha ħafna drabi l-espressjoni, li Alla l-Imbierek jagħti lill-Knisja Kattolika Ragħaj li jkun jista jaqdi u jmexxi l-merħla skond il-ħtieġa taż-żminijiet. M'għanhiex dubju li fil-persuna ta' Carol Jozef Wojtyla, il-Mulej wera ħniena kbira magħha u pprovdielha Missier, Għalliem u Mexxej, li b'ħila u għaqal mexxa l-Knisja Kattolika sa fuq l-għatba tat-tielet millenju.

# L-aħħar xhieda qawwija u li ma tintesa qatt tal-maħbub Papa ĠWANNI PAWLU II












### *Imut Ġwanni Pawlu II*

"Fid-9.37 p.m. il-Missier Qaddis tagħna rritorna fid-Dar tal-Missier". B'dawn il-kelmiet, madwar l-10.00 p.m., l-Arċisqof Leonardo Sandri, Sostitut tas-Segreterija ta' l-Istat, ħabbar lill-folla fi Pjazza S. Pietru, il-mewt tal-Q. T. Ġwanni Pawlu II, li kienet għadha kif seħħet fil-Palazz Appostoliku tal-Vatikan, dak inhar is-Sibt, 2 ta' April 2005. Skond iċ-ċertifikat tal-mewt, iffirmat minn Renato Buzzonetti, it-tabib personali tiegħu, Papa Wojtyla miet b'"xokk settiku" u "kollass kardjoċirkolatorju irreversibbli". Il-mewt tal-Papa seħħet meta l-liturġija tal-Knisja diġà kienet qed tiċċelebra l-festa tal-Ħniena Divina, ipproklamata minnu stess ħames snin qabel. Il-funeral sar il-Ġimgħa, 8 ta' April 2005 u l-Papa ġie midfun fil-post fejn qabel kien indifen il-Beatu Ġwanni XXIII u li issa ttella' fil-Bażilika ta' San Pietru.

### *Telfa u rebħa*

Skond il-Kardinal Josef Tomko, ħabib antik ta' Ġwanni Pawlu II u kollaboratur tiegħu, għad li l-Knisja tilfet lill-Papa, hija rebħet immensament mit-tagħlim u l-eżempju tiegħu. Ma' mewtu, ħalla warajh "ħafna sfidi", imma "l-aktar ħaġa importanti se tkun li jkollna l-istess fidi li l-Papa kien qed jgħallimna biex ikollna fidi qawwija mmexxija mill-Ispirtu s-Santu", qal lil *Catholic News Service*. "Aħna tlifna l-Papa, imma ma' dik it-telfa għandna wkoll rebħa", b'dak kollu li hu ħalla warajh fit-tagħlim tiegħu u l-mod kif għex ħajtu, qal il-Kardinal, li kien fil-kamra tal-Papa xi minuti wara l-mewt tiegħu, u qal li stagħġeb bl-espressjoni ċara u paċifika li l-Papa kellu fuq wiċċu.

### *Fi kliem il-mexxejja tad-dinja*

Mill-eks-president tal-Polonja li qal li l-mewt ta' Ġwanni Pawlu II kienet "bħallikieku l-Polonja tilfet lil ommha" sal-President Fidel Castro ta' Kuba, li ddikjara tliet ijiem ta' luttu fil-pajjiż komunist, il-mexxejja politiċi tad-dinja wrew l-apprezzament tagħhom għall-Papa li miet. F'xandira televisiva mill-*White House*, il-President Amerikan George W. Bush sejjaħ lil Ġwanni Pawlu II "ispirazzjoni għall-miljuni ta' Amerikani u għal tant oħrajn fid-dinja". Il-President qal: "Il-Knisja Kattolika tilfet ir-ragħaj tagħha, id-dinja tilfet *champion* tal-libertà umana, u qaddej tajjeb u fidil ta' Alla ġie msejjaħ id-dar".

### *Tinfetaħ mill-ġdid Knisja Kattolika fuq Herba*

Il-gvern tat-Tuniżija, pajjiż b'maġġoranza iżlamika, ċeda lill-komunità kattolika tal-gżira ta' Herba l-knisja ta' San Ġużepp, fuq talba ta' Mons. Fouad Twal, Arċisqof ta' Tuneż. Skond Twal, dan tħabbar mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin fit-18 ta' Frar li għadda b'risposta għaż-żieda ta' turisti fil-gżira, speċjalment Taljani u Ġermaniżi. Id-deċiżjoni tal-President Tuneżin trid turi l-interess għall-"promozzjoni tal-prinċipji tad-djalogu bejn ir-reliġjonijiet", qal Mons. Twal. It-98% tal-kważi għaxar miljuni abitanti tat-Tuneż huma Musulmani. Il-Kattoliċi huma madwar 0.23%, anke jekk parti kbira tat-turisti huma kattoliċi ġejjin minn pajjiżi ewropej.

### *Tbassir dwar il-popolazzjoni dinjija*

Il-popolazzjoni tad-dinja fl-2050 mistennija tilħaq id-9.1 miljardi, f'paragun mas-6.5 miljari ta' llum. Previżjonijiet riċenti ġew ippubblikati fl-24 ta' Frar mill-Ġnus Magħquda. Fi studju intitolat "*World Population Prospects*: *The 2000 Revision*", aġenzija tal-Ġnus Magħquda bassret li kważi ż-żieda kollha mistennija sseħħ fir-reġjuni li qegħdin jiżviluppaw, fejn il-popolazzjoni llum hi 5.3 miljardi u mistennija titla' għal 7.8 miljardi fl-2050. Il-kontra ta' dan, il-popolazzjoni fir-reġjuni aktar żviluppati mistennija tibqa' xi ftit jew wisq fil-livell ta' 1.2 miljardi. Fi kliem ieħor, ir-rapport jikkalkula li l-95% taż-żieda demografika se sseħħ fid-dinja li qed tiżviluppa.

DM
David's Bakery Caterers
Il-Kwalità l-ewwel!
Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

# *MA MMUTX, IMMA NGĦIX*

**VERSI RIFLESSIVI**

## *(Tislima lill-Papa Ġwanni Pawlu II)*

*Minn kmieni bieb qalbu ħabbat,*
*għax hawn fih ħaddiem kien sab.*
*Minn kmieni bil-firda ġarrbu,*
*minn min ħabbu, lil min ħabb.*

*Ried jara fis-skiet ta' waħdu,*
*it-tektika hux ser jismagħha.*
*Ried jara 'k jiftaħx u jdaħħlu,*
*hux ser jagħti sew kas tagħha.*

*U Karol sama' t-taħbita,*
*u fetaħlu minnufih.*
*Sama' sewwa x'irid minnu,*
*bis-salib li ser jgħabbih!*

*Fil-moħbi beda l-istudju,*
*biex ta' Kristu jsir qaddej,*
*bla qatt basar li għad jasal,*
*li tal-Knisja jkun mexxej.*

*Bl-isem ta' Ġwanni-Pawlu t-tieni,*
*bil-muftieħ fetaħ bibien,*
*magħluqin bi gwerra bierda,*
*tal-pika waqqa' s-sisien.*

*Beda jdur, iżur pajjiżi,*
*jiddiskuti bl-ebda ngann*
*ta' twemmin, razza, kulur;*
*nisrani, lhudi, musulman.*

*Bil-mawriet li ħareġ u għamel,*
*dar id-dinja kif iddur,*
*b'karizma liż-żgħażagħ ġibed,*
*mal-Kbarat kien jaf imur.*

*B'danakollu ħassu f'postu,*
*mal-marid ġewwa xi sptar,*
*iħaddan lill-fqar, batuti,*
*ibus l-art ta' kulfejn żar.*

*Kellu jkun dan l-ewwel Papa,*
*li jżur Malta, iduq gostna,*
*biex imiss b'idejh u jħosshom,*
*l-egħruq sħaħ tal-fidi fostna.*

*Hawn għabbiena bi dmir nagħtu,*
*xhieda ħajja tad-Din tagħna.*
*Refa' għall-qima tliet beati,*
*Maltin bħalna, 'l għexu magħna.*

*Dam 'l fuq minn kwart ta' seklu,*
*b'tad-dgħajsa ta' Pietru t-tmun,*
*bla biża', m'hemmx kantunieri,*
*port ta' kenn, it-temp x'ikun!*

*Bil-ħalel t'abort, divorzju,*
*il-mara fil-liturġija,*
*iż-żwieġ ta' bejn l-istess sessi,*
*l-omosesswalità u l-bqija.*

*Wara tnax il-sena jbati,*
*s'anke sab lil min sparalu,*
*bis-salib tal-mard imgħobbi,*
*beda t-telgħa tal-kalvarju.*

*Mar-Randan l-isptar iddaħħal,*
*leħnu tilef, beda jnin,*
*imma ta' sportiv, sa l-aħħar,*
*fit-tieqa jidher mal-ħin.*

*Fl-aħħar il-Mulej sejjaħlu,*
*ġimgħa sew, fuq Għid il-Kbir,*
*waqt li hu l-"Amen" lissinlu,*
*seren telaq, jaf x'se jsir.*

*Ħalla wrajh dinja mistagħġba,*
*il-maħfra x'fissret għalih,*
*waqt li b'ħerqa qed tistenna*
*mexxej ġdid, ħa tifraħ bih.*

*Francis Sultana*
*Għ'sielem*
*03-04-05*





## IL-MESSAĠĠ TA' L-GĦID HUWA WIEĦED TA' FERĦ, PAĊI U TAMA







### Qam tassew mill-Imwiet! Hallelujah!

Illum, int O Feddej tal-bnedmin qomt rebbieħ mill-qabar, biex tagħti lilna, mifnijin minn tant theddid, l-awgurju tiegħek ta' **FERĦ** u **PAĊI**.

Dawk kollha li huma mġarrbin mill-inkwiet u mid-disperazzjoni jduru lejk o Kristu. "Ħaj" u "Gwida" tagħna biex jisimgħu l-aħbar tat-tama li ma tqarraqx.

F'dan il-jum tar-rebħa tiegħek fuq il-mewt jalla l-bnedmin isibu fik, o Mulej, il-kuraġġ biex permezz tas-solidarjetà jegħlbu l-ħafna ħażen li qed jifligħom.

B'mod speċjali jalla l-bnedmin isibu l-qawwa li jegħlbu l-fenomenu diżuman tat-terroriżmu li diżgrazzjatament dejjem qed jikber...

Għinna biex naħdmu bla heda għal dik id-dinja aktar ġusta u magħquda li int inawgurajt bil-Qawmien Tiegħek.

Jalla f'din il-ħidma takkumpanjana Marija, "Dik li emmnet li jseħħ kull ma ntqalilha min-naħa tal-Mulej". (Lk 1.45).

Imbierka int, o Marija, xhud siekta tal-Qawmien ta' l-Għid. Int, ja Omm l-Imsallab irxuxtat, li fil-mument tal-uġiegħ u tal-mewt żammejt it-torċa tat-tama tixgħel.

Għallem lilna wkoll, biex fost it-taqlib ta' din id-dinja li tgħaddi aħna nkunu xhieda konvinti u ferrieħa tal-messaġġ etern ta' ħajja u mħabba miġjub fid-dinja minn Kristu l-Feddej li qam mill-Mewt.

***Messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Għid tas-sena 2004.***



### Hallelujah! Kristu Qam!

Jien konvint li mill-qabar vojt li sabet il-Madalena qed jinstema' l-istess kliem li l-Anġli qalu lin-Nisa Twajbin li marru mnikkta ħdejn il-qabar;-

> "IL-GĦALA QEGĦDIN TFITTXUH QALB IL-MEJTIN LIL DAK LI HU ĦAJ? MHUWIEX HAWN, IMMA QAM". (Luqa 24. 5,6)

Il-qawmien issiġilla l-Ħajja Tiegħu u l-Verità ta' kliemu, tal-Wegħdi Tiegħu.

**HALLELUJAH**: aħna għad inqumu Miegħu.

**HALLELUJAH**: aħna għad inkunu fin-naħa tal-lemin tal-Missier. In-nisrani ma għandu qatt skuża biex jiddispra u jaqta' qalbu.

**HALLELUJAH**: Kull dieqa tgħib. Kull tbatija tintemm.

**HALLELUJAH**: Ħadd ma għandu dritt ikun hieni daqs in-nisrani.

**HALLELUJAH**: Il-qawmien ta' Kristu hu messaġġ ta' ferħ.

Jalla l' **HALLELUJAH** tidwi fil-qlub imtaqqla min-niket, fil-qlub maqsumin u mġarrbin. La Kristu qam, aħna għad inqumu Miegħu. IL-FERĦ TAL-GĦID HU FERĦ UNIVERSALI. FERĦ GĦAL KULĦADD.

- Mit-tbatija ngħaddu għat-tgawdija.
- Mis-salib ngħaddu għall-glorja.
- Mill-prova għall-premju.
- Mill-mewt għall-ħajja.

**HALLELUJAH**: Il-qawmien ta' Kristu hu sejħa għat-tama u l-fiduċja. Il-qawmien hu garanzija ta' ħajja li ma tintemm qatt.

**HALLELUJAH**: Il-Kristjaneżmu huwa INNU lill-Ħajja. Il-Kristjaneżmu huwa r-Reliġjon tal-ħajjin.

**HALLELUJAH**: Kristu qam, biex ma jmutx aktar.

***"Spiritual Writings" ta' Cardinal Saliege (1870-1956)***

## Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.

### *"Fit-tielet jum, qam minn bejn l-Imwiet"* (mill-Kredu)

**Nixtieq li tkun Marija stess li tidħol f'darkom u tawguralkom "L-Għid it-Tajjeb".**



**TALBA LIL MARIJA IL-MARA "TAT-TIELET JUM"**

*Imqaddsa Marija, l-mara tat-Tielet Jum*
*-qajjimna min-ngħas tagħna, u ejja*
*f'nofs ta' lejl ħabbrilna*
*li feġġ il-Għid għalina wkoll.*

*Int rajtha b'għajnejk it-taqbida bejn il-Ħajja*
*u l-Mewt. Int rajt b'għajnejk it-telfa*
*tal-għadu li hi l-mewt.*
*Imqaddsa Marija, il-mara tat-Tielet Jum;*
*agħtina ċ-ċertezza*
*-li minkejja kollox, il-mewt qatt ma hi ser*
*taħkem fuqna aktar;*
*-li l-gwerer għad jintemmu,*
*-li t-tbatijiet tal-foqra għad jaslu fit-tmiem,*
*-li l-ġuħ, ir-razziżmu u d-droga għad jieqfu,*
*-li d-dwejjaq, is-solitudni u l-mard għad jintemmu,*
*-li d-dmugħ tal-vittmi kollha*
*tal-vjolenza għad jgħib kif tgħib*
*in-nida malli tfeġġ ix-xemx tar-rebbiegħa.*

*Imqaddsa Marija*
*neħħi minn qalbna*
*id-disperazzjoni u d-dnubiet.*
*Agħtina ftit tal-paċi.*
*Eħlisna mill-bewsa viljakka tat-tradiment.*
*Ħarisna mill-egoiżmu.*

*U nissel fina t-tama*
*li meta jasal il-mument deċisiv*
*ta' l-aħħar nifs,*
*Int tirratifika r-rebħa tagħna*
*fuq il-mewt.*



### *L-Għid : Messaġġ ta' Tama*

Illum, il-Knisja bit-tħabbira ta' l-Għid qed tagħti lid-dinja **AĦBAR TA' TAMA.**

Għal din l-aħbar tal-qawmien aħna mistiedna biex nibdlu ħajjitna, nibdlu l-mod kif naħsbu u naraw l-affarijiet.

Irridu naċċettaw
- li l-imħabba ddewweb il-biżà.
- li l-grazzja taħfer id-dnub.
- li l-inizjattiva t'Alla terġa' terfagħna kull darba li naqgħu.

M'għandniex inħallu jegħlbuna.
- l-isfiduċja.
- in-niket.
- u l-qtigħ ta' qalb.

Imma nkunu lesti li nagħmlu wisa' għal dik it-tama, inkredibbli imma reali, li ġejja mill-**IRXOXT TA' ĠESÙ**. Nawguralkom li l-frott ta' dan il-Għid ikun il-MILJA TAL-FERĦ U TAT-TAMA FI KRISTU RXUXTAT...

***Il-Kardinal Carlo Maria Martini***
***"I Racconti della Passione"***
***Editrice Morcelliana- Brescia***

KTIEB X'TAQRA

# L-HENA VERA GĦAL MIN JIMXI WARAJH

**"Ħenjin Intom", P. Donat Spiteri, O.F.M. Kapp., Katekesi tal-Beatitudnijiet, Lumen Christi Publications, Għawdex, Jannar 2005; pp.80; BCD Printing, Victoria; Lm1.75ċ**




*"Il-Katekesi Biblika tal-Beatitudnijiet" tkompli żżewwaq is-suġġetti fis-sensiela popolari tal-Katekesi għall-Kbar maħruġa mill-Lumen Christi Publications. Did-darba għandna xogħol ġdid mill-pinna tal-Prof. P. Donat Spiteri OFM Kapp. li qed jagħtina analiżi b'tant dettalji u fl-istess ħin b'mod sempliċi fuq il-programm ta' Kristu, fejn iwiegħed l-aqwa hena u barka lil min jimxi fil-ħajja skond it-tagħlim tiegħu.*

*L-awtur għaraf ifisser kull waħda mill-beatitudnijiet b'vokabularju bibliku, għax jinqeda bl-aħjar għodda li hija l-Kelma t'Alla nnifsu, meħuda minn firxa kbira ta' testi u riferenzi oħra mill-Kotba Mqaddsa. Fuq kollox huwa Alla l-iktar li jista' jiggarantilna dik il-vera hena li kull bniedem jixxennaq tant għaliha u forsi ma jafx kif se jasal għaliha.*

*Wara tagħrif ġenerali li jfisser il-kuntest li fih Kristu tkellem fid-Diskors tal-Muntanja, il-qarrej ikompli jintebaħ kemm kienet ċirkustanza sollenni li fiha l-Imgħallem għaddielna linja preċiża għar-reviżjoni radikali u paradossali tal-ħajja nisranija u allura b'xi mod iebsa u kuntrarja għan-natura umana. Però ma nieqfux hawn. Iktar minn sejħa, Kristu qed jagħmel wegħda b'garanzija sħiħa, iktar u iktar meta Huwa stess kien l-ewwel li ta xhieda u offra ruħu b'mudell għalina, għall-aħjar tfassil ta' dal-programm li wettqu kollu kemm hu u b'mod konkret f'ħajtu kollha.*

*Fi tmiem kull beatitudni tingħata lista varja ta' dak li hu kuntrarju, sintendi biex wieħed jilqagħlu, waqt li ġabra ta' mistoqsijiet fuq dak li jkun ġie spjegat tgħin ħafna biex jinkiseb il-frott mixtieq. Ma narahiex bi kbira li wieħed jibda mill-mistoqsijiet ta' wara kull kapitlu biex iqajjem iktar interess, iktar milli kurżità, u jfittex aħjar ir-risposta preċiża fl-istess kapitlu.*

*Min diġa' għandu f'idejh il-volumi l-oħra jaf tajjeb il-preżentazzjoni mill-isbaħ ta' l-istampa u t-taqsim tal-materjal imwassal. Interessanti li wieħed ikun jaf li fil-volum preżenti, ma' kull beatitudni, se jsib dettal mill-pittura ta' Carl Bloch (1834-1890) li tidher sħiħa fil-qoxra, dwar id-Diskors tal-Muntanja, fejn b'sengħa kbira jippreżenta persunaġġi differenti li jinterpretaw il-messaġġ imwassal minn Kristu f'kull beatitudni.*

*Dan il-ktieb u l-oħrajn ta' l-istess sensiela jinkisbu mill-Lumen Christi Bookshop, Victoria, Għawdex, jew mingħand librara oħra ta' kotba reliġjużi f'Malta, għall-prezz ta' Lm1.75 il-wieħed.*

***Mons. Salv Grima***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Għawdex 300 sena ilu
Arkivju Nazzjonali Għawdex
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 134
Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2005

# PURĊISSJONI F'ĠIEĦ SANTU LIJU MILL-MATRIĊI GĦAX-XEWKIJA

Id-dokument numru mija u erbgħa u tletin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu ħlas relatat ma' purċissjoni li saret biex isir talb speċjali għax-xita. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-gvern reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1704–1705), folju 25v (NAG, UG, *Acta*, 9/1704–1705, f. 25v). Din hi t-traskrizzjoni tad-dokument:

**Al procuratore del venerando artale del Santissimo Sacramento eretto in questa Veneranda Matrice del Gozzo tarì sei per tanta cera consummata sul altare di Sant'Elia eretto nella Veneranda Parochiale della Xeuchia a causa della processione con oratoria fatta in detta chiesa per implorare da Dio Benedetto la pioggia, lì 18 Aprile 1705**

Fit-triq li minn fejn il-ħeliport tax-Xewkija tagħti għal Għajnsielem kien hemm darba kappella devota ħafna ta' Santu Liju, imsejħa xi drabi ta' Santu Liju ta' San Tawdar. Kienet iddedikata lill-profeta Elija, profeta ta' l-Antik Testment li kien igħix fi żmien is-slaten ta' Iżrael Aħab u Aħażija (869-949 QK). Il-kappella kienet inbniet mill-familja tas-sinjur Nikolanġ Maħnuq u l-festa kienet issir fl-20 ta' Lulju.

Fl-1657, l-Isqof Mikiel Balaguer de Camarasa ipprofana l-kappella minħabba l-istat ħażin tagħha u ordna li jitwaqqaf artal f'ġieħ Santu Liju fil-knisja ta' San Ġwann ix-Xewkija. Iż-żona fejn kienet din il-kappella għadha magħrufa sal-lum bħala ta' Santu Liju. Il-knisja ta' San Ġwann saret l-ewwel parroċċa tal-kampanja fl-1678.

Santu Liju kien invokat mill-ommijiet għal uliedhom morda. Kienu bil-ħerqa jitolbuh: *Santu Liju, ibdlilhom xortihom*. Kien invokat ukoll għax-xita. Kien hu li ħabbar lir-Re Aħab tliet snin ta' nixfa u kien hu li, wara tliet snin u sagrifiċċju lil Alla fuq il-għolja tal-Karmel, reġa' fetaħ bwieb is-smewwiet.

Dan id-dokument jixhed li tliet mit sena ilu, is-sena 1705, kienet sena ta' nixfa, kontra din is-sena 2005 li kienet sena milwiema. Il-wiċċ kien qiegħed imut u l-Universitas ma' l-awtoritajiet tal-Knisja ħasbu li jagħmlu purċissjoni ta' penitenza biex jitolbu għax-xita.

Il-prokuratur ta' l-artal tas-Sagrament fil-Matriċi ingħata l-inkarigu mill-istess Università biex jixgħel ħaqq sitt irbgħajja xama' fuq l-artal ta' Santu Liju fl-okkażjoni tal-purċissjoni.

Il-purċissjoni saret fit-18 ta' April, 1705, u mxiet mill-Knisja Matriċi għall-knisja tax-Xewkija u preċiżament għal fuq l-artal ta' Santu Liju. Meta waslu hemm, saret oratorija jew diskors imqanqal biex iħeġġu n-nies għall-penitenza u hekk Alla jisma' it-talb tagħhom.



*Beata Ġdida Madre M.Crocifissa Curcio - Fundatriċi tas-Sorijiet Karmelitani*



# GĦAL MADWAR 50 SENA ULIEDHA SPIRITWALI WETTQU ĦIDMA FIL-QASAM EDUKATTIV F'GĦAWDEX

Jikteb il-Kanonku Dun Karm Borg

**Fi żmien qarib għandha tiġi beatifikata Madre Maria Crocifissa Curcio, Fundatriċi tas-Sorijiet Karmelitani Missjunarji ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, li f'Għawdex insibuhom f'Kerċem u fir-Rabat.**

Madre M. Crocifissa Curcio twieldet f'Ispica (Ragusa), fit-30 ta' Jannar 1877. Fil-magħmudija tawha l-isem ta' *Roża*. Sa minn ċkunitha kienet devota tal-Madonna. Fost il-kotba li sabet fil-librerija tal-familja kien hemm "Il-Ħajja ta' Santa Tereża ta' Ġesù" u dan il-ktieb nistgħu ngħidu li kien qarribha sewwa lejn il-Karmelu. Anzi nkunu eżatti jekk ngħidu li wara li qrat dan il-ktieb, Roża ħasset is-sejħa li tikkonsagra ħajjitha kollha kemm hi lil Alla. Għadha żagħżugħa daħlet Terzjarja Karmelitana u ħadet l-isem ta' Suor Maria Crocifissa.

Fl-1911, Madre M. Crocifissa bdiet il-ħidma tagħha mat-tfal orfni ġewwa Modica. Hawn nistgħu ngħidu li nżergħet l-ewwel żerriegħa tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Karmelitani Missjunarji ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù.

## *Kongregazzjoni ta' Sorijiet Missjunarji*

Fl-1923 imbagħad, Sour M. Crocifissa ltaqgħet mal-Provinċjal tal-Karmelitani fi Sqallija, Patri Alberto Grammatico, li wara li għaraf il-ħeġġa qaddisa ta' din it-terzjarja żagħżugħa, indirizzaha lejn ċertu Patri Lorenzo van Eerembeemt li kellu xewqa kbira li jwaqqaf Istitut ta' Reliġjużi Karmelitani għall-ħidma missjunarja.

Minn hawn 'l quddiem, Madre M. Crocifissa u Patri Lorenzo qatt ma waqfu jikkorrispondu bl-ittri u jaħsbu dwar il-proġett kbir ta' fondazzjoni ta' Kongregazzjoni ta' Sorijiet Missjunarji. Din ix-xewqa seħħet fl-1925, eżattament meta l-Beata Tereża tal-Bambin Ġesù ġiet kanonizzata sollennement mill-Papa Piju XI, nhar is-17 ta' Mejju.

Fit-3 ta' Lulju 1925, Madre Maria Crocifissa flimkien ma' xi tfajliet oħra, minn Modica marru Santa Marinella f'Ruma, wara li kellhom il-kunsens verbali "*ad experimentum*" ta' l-Eminenza Tiegħu il-Kardinal Vico. Fis-16 ta'Lulju ta' l-istess sena, propju nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, l-Istitut il-ġdid ġie aggregat uffiċjalment ma' l-Ordni Karmelitan.







## *Bl-approvazzjoni tal-Papa Piju XI*

Fl-1930, l-Istitut kellu l-għarfien djoċesan mill-Em. Tiegħu l-Kard. Tommaso Pio Boggiani, Isqof tad-Djoċesi ta' Porto S. Rufina, bl-approvazzjoni tal-Papa Piju XI. Fuq xewqa ta' l-istess Papa, l-Istitut ġie msejjaħ : "Kongregazzjoni tas-Sorijiet Missjunarji ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù ". Minn dak in-nhar sal-lum, din il-Kongregazzjoni kompliet dejjem tikber u tinxtered, u llum għandha d-djar tagħha mhux biss fl-Italja imma wkoll fil-Brażil, fil-Kanada, fl-Afrika, fil-Filippini, u anke fir-Rumanija.

Is-Sorijiet ta' Madre Crocifissa ġew Għawdex fl-1957, meta fi Frar ta' dik is-sena, il wisq mibki Mons. Ġużeppi Pace, dak iż-żmien Isqof ta' Għawdex laqgħahom b'idejh miftuħa fid-djoċesi tiegħu. Ftit tal-ġimgħat qabel huwa stess kien tela' Ruma fejn iltaqa' personalment ma' Madre Crocifissa. Fl-okkażjoni tal-ftuħ ta' l-ewwel dar tagħhom fir-raħal ta' Kerċem, l-Isqof Pace kien esprima l-ferħ u t-tama tiegħu f'din il-Kongregazzjoni li kellha tqabbad għeruqha f'Għawdex fi zmien l-episkopat tiegħu. F'dik l-okkażjoni huwa stqarr li kien jinsab tassew "ferħan ħafna b'dawn is-Sorijiet Karmelitani minħabba l-fatt li huma wlied il-Madonna tal-Karmnu u taħt il-ħarsien ta' Santa Tereżina tal-Bambin Ġesù''. Mons. Isqof Pace kompla jawgura li "din il-qaddisa ta' żmenijietna (Santa Tereżina) tkattar ix-xita ta' ward fuq id-djoċesi issa li f'Għawdex hawn uliedha spiritwali'' (il-Karmelu, Marzu 1957, nru.3)

## *Is-Sorijiet Karmelitani f'Għawdex*

Is -Sorijiet Karmelitani waslu Għawdex fis-sena 1957. Minn dik is-sena stess huma taw bidu għall-ewwel skola privata Karmelitana f'Għawdex. Ġewwa r-raħal ckejken ta' Kerċem, b'madwar 30 tifel u tifla f'dik is-sena kellha bidu l-Iskola Santa Tereża li llum tilqa' fiha mijiet ta' studenti minn Għawdex kollu kull sena. Fil-bidu tas-snin sittin tas-seklu l-ieħor inbena kunvent u skola ġodda fi Triq Santa Luċija (llum Triq Dr. A. Calleja). Fl-1973 inbniet il-kappella ddedikata lil Santa Tereża tal-Bambin Ġesù li fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Ċentinarju mit-twelid tal-Qaddisa tal-Ward kienet ukoll ikkonsagrata mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi.

Bil-għajnuna u l-ġenerożità tal-benefatturi, s-Sorijiet Karmelitani ta' Madre M. Crocifissa rnexxielhom mhux biss jibnu kunvent, kappella, u skola ġodda imma rnexxielhom jirbħu fuq kollox l-



imħabba u l-istima ta' eluf ta' Għawdxin li minn għand dawn is-Sorijiet ħadu s-sisien tal-formazzjoni tagħhom fis-snin bikrin ta' ħajjithom.

Fit-tieni dar tagħhom li huma fetħu ġewwa r-Rabat fis-sena 1964, is-Sorijiet Karmelitani laqgħu għandhom mijiet ta' anzjani fl-Istitut li huma fetħu apposta għalihom biex iduru bihom fiż-żmien diffiċli tax-xjuħija. Anke hawn f'dan il-qasam, is-sorijiet ta' Madre M. Crocifissa Curcio, matul l-aħħar 40 sena, ħallew l-impronta tagħhom, u huma ħafna dawk l-anzjani għawdxin li meta ma jkollhomx min jieħu ħsiebhom, ifittxu l-kenn għand dawn is-sorijiet ħabrieka li joffrulhom is-servizzi tagħhom bl-ikbar delikatezza u mħabba fl-aħħar snin ta' ħajjithom.

## *Appell Vokazzjonali*

Is-Sorijiet Karmelitani ilhom f'Għawdex kważi ħamsin sena. Il-ġid li wettqu fil-kamp pastorali, edukattiv u soċjali huwa vast ħafna. Ċertament ma nistgħux insemmu l-inizjattivi li ħadu u l-ħidmiet kollha mwettqa minnhom. Mingħajr l-iċken dubju ħidmithom hija magħrufa biżżejjed mill-kotra ta' l-Għawdxin. Però hija ħaġa ċerta wkoll li dawn is-sorijiet qed iħossu wkoll il-ħtieġa ta'aktar qlub ġenerużi li fuq l-eżempju tal-Madre Fundatrici joffru ruħhom biex l-opra mwaqqfa minnha tkun tista' tkompli tikber u tixtered fil-gżejjer Maltin. Tajjeb li f'din l-okkażjoni tal-Beatifikazzjoni tal-Madre Fundatriċi waqt li nroddu ħajr lil Alla għal tant vokazzjonijiet Maltin u Għawdxin li ħadmu u għadhom qed jaħdmu fil-Kongregazzjoni mwaqqfa minn Madre M. Crocifissa, nitolbu wkoll lill-Mulej bl-interċessjoni tagħha biex ikompli jsejjaħ oħrajn biex ikomplu din l-opra ġewwa pajjiżna.

D-Bar Café
where friends are meeting!!
Pan Pizza, Pasta & Home-made Cooking
St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2155 6242 • Mob: 7942 7014

For daily lunch or dinner...
Ta' Vestru
BAR, RESTAURANT & PIZZERIA
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo. Tel: 2156 4589, 2155 9090




© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Il-Ħamsa u Tletin Parti )*

**(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)**

## *IŻ-ŻABRA*

**Jekk siġra ma tinżabarx, timrad u tixjieħ, u ma ddumx ma tmut. Għalhekk iż-żabra ssir biex inserrħu s-siġra minn friegħi żejda, friegħi niexfa, u friegħi miksura jew morda bil-kankru li jistgħu joqtlu s-siġra fi żmien qasir.**

Permezz taż-żabra wieħed jikkontrolla wkoll il-kobor u l-għoli tas-siġra, speċjalment tas-siġar ta' l-agrumi, jew tal-lumi u tal-larinġ. Iż-żabra tgħin ukoll biex is-siġra tagħmel frott ta' sura akbar u iżjed kotran. Għal dawk li huma siġar ornamentali wieħed jista' b'hekk iżomm is-siġra fil-għamla li jrid hu. Biż-żabra wieħed jista' jżomm is-siġra baxxa, kemm tintlaħaq, jew biex ma jaħkimhiex ir-riħ. Għal dawk li huma siġar ornamentali tat-toroq, permezz taż-żabra wieħed jista' jneħħi friegħi li jkunu ta' tfixkil. Friegħi li jitilgħu 'l isfel mit-tilqima jew minn taħt nett, imsejħin bgħula, għandhom jitneħħew malajr kemm jista' jkun.

Iż-żabra trid issir minn bniedem tas-sengħa, għax inkella tista' ssir aktar ħsara milli ġid. Il-għan li għalih issir iż-żabra, jista' jinbidel maż-żmien. Għalhekk, per eżempju, siġra li tkun għadha żgħira tinżabar biex tieħu forma u sura kif irid sidha.

Wieħed għandu jara li n-naħa ta' fuq tas-siġra m'għandhiex titħalla folta żżejjed, biex hekk il-friegħi tan-nofs ikunu jistgħu jieħdu x-xemx.

Iż-żabra ssir b'dawn il-għodod: imqass taż-żabra għaż-żraġen u friegħi rqaq, surroglu għal friegħi ħoxnin, u munxar għal friegħi ħoxnin ħafna. Is-surroglu u l-munxar ikunu bis-snien bħal surrieq. Illum hawn ukoll magni apposta jaħdmu bl-elettriku.

Il-qatgħat ta' friegħi kemxejn ħoxnin għandhom jiġu diżinfettati kontra l-mard tas-siġar u dawk ħoxnin ħafna jinżebgħu bil-qatran jew *bitumastic*.

Hemm tliet għamliet ta' żabra. Dawn huma:

a) Żabra ta' darba fis-sena, u din issir skond is-sengħa u skond in-nisel tas-siġra;

b) Żabra li tkun meħtieġa f'kull żmien, u li ssir kulmeta s-siġra jkollha friegħi nexfin. Hawn ta' min jgħid li l-friegħi jistgħu jinxfu jew bir-riħ, jew bl-eħtrieq, inkella bil-għatx.

c) Fl-aħħar nett hemm l-irmundar. L-irmundar isir biex wieħed iserraħ xi dielja jew xi siġra oħra minn xi bwagħal li jkunu se jagħalbuha.

U, għalhekk, iż-żabbar irid ikun tas-sengħa biex f'ebda waqt ma jaqta' friegħi bil-ħbiela tal-frott għas-sena li jkun imiss, u minn fuq iħalli f'posthom bgħula li ma jagħmlu xejn ħlief ikiddu s-siġra.

Ix-xogħol ta' qtugħ ta' għeruq fix-xtieli jew fis-siġar bħal meta wieħed jaqla' l-għeruq tal-qara' bagħli, ħjar, qara' twil, bħajra, u ħaxix ieħor, ġieli jissejjaħ ukoll irmundar. Il-bidwi jirmonda l-bettiħ u jħalli biss kemm jidhirlu li l-għerq tal-bħajra jkun jiflaħ skond il-qawwa ta' l-art li tkun. Il-bettiħ żgħir li jinqata' waqt dan ix-xogħol dari kien jissejjaħ bettiħ ta' l-irmond.

Min jiżbor irid qabel xejn jitgħallem mingħand bniedem tas-sengħa. Iż-żabra trid issir b'għodda taqta' u bla tixlif u tagħtin tal-qatgħa għax din hi ta' ħsara kbira għas-siġra. Żabra u qatgħa ħażina tista' tiftaħ il-bieb għal ħafna mard. Għalhekk il-qatgħat għandhom ikunu 'il fuq mill-għaksa jew ir-rimja u kemm jista' jkun iħarsu lejn l-art jew imżerżqin lejn l-art. Iż-żbir għandu jsir ukoll f'ħinu u f'waqtu. Id-dwieli u s-siġar tal-frott irqiq jinżabru meta jkunu reqdin, fl-istess żmien meta jkunu jistgħu jitlaqqmu. Is-siġar ta' l-agrumi (lumi, larinġ, eċċ.) l-aħjar li jinżabru bejn Mejju u Settembru, għalkemm dan ix-xogħol jista' jsir is-sena kollha. Dan l-aħħar minħabba xi mard bdew jiżbruhom għal Jannar, qabel ma jitfaċċa l-mard. Siġar li jħaddru dejjem qatt ma għandhom jinżabru b'tali

mod li ma jitħallielhom ebda weraq, għax inkella jistgħu jmutu. Ma ninsewx, żabra ħażina flok ġid tista' tagħmel ħsara kbira.

Għas-siġar ta' l-agrumi jew taċ-ċitru li jkunu mħawla f'ħamrija fonda u fejn il-blata tkun friska, iż-żabra għandha tkun iebsa, iżda jekk l-art tkun qasira, xotta jew fuq il-mazkan, allura ż-żabra għandha tkun ħafifa. Wieħed irid jiftakar ukoll li ċerti siġar ma jridux żabra iebsa għalkemm ikunu qegħdin f'raba' tajjeb. Waħda minn dawn is-siġar hija l-larinġa magħrufa bl-isem ta' Bahja.

## *IT-TILQIM*

Wieħed mix-xogħlijiet l-iżjed meħtieġa, u interessanti fl-istess ħin, hu dak tat-tilqim. Hemm bosta xtieli u siġar li jistgħu jitlaqqmu. Imma f'din il-kitba se ngħidu xi ħaġa dwar it-tilqim tas-siġar tal-frott.

It-tilqim jista' jsir bil-feles, bil-qoxra jew bil-għajn u bit-tlaqqigħ taz-zkuk.

Is-siġar tal-frott irqiq jagħmlu parti minn għadd kbir ta' siġar li jwaqqgħu l-weraq u jinżgħu fix-xitwa. Meta s-siġra tkun bla weraq jingħad li tkun qiegħda tistrieħ. Il-weraq jibda jaqa' f'Ottubru u s-siġar jibqgħu mneżżgħa sa l-aħħar ta' Jannar, meta mbagħad uħud jibdew itellgħu r-raħs jew weraq ġdid, għalkemm hemm xi siġar oħrajn li jdumu sax-xahar ta' April biex jibdew jarmu.

### *It-Tilqim bil-Feles.*

It-tilqim bil-feles isir fiż-żmien meta s-siġar tal-frott ikunu reqdin u jkunu neżgħu l-weraq għal kollox. Is-siġar tal-frott irqiq jitlaqqmu fuq il-lewż morr, il-pruna selvaġġa, fuq l-isfarġel, kif ukoll fuqhom infushom jekk wieħed ikun irid jibdel il-varjeta' li jkollu. Il-lanġas u t-tuffieħ jitlaqqmu fuq l-isfarġel. Il-ħawħ, il-għajnbaqar, iċ-ċiprisk (nuċiprisk) fuq il-pruna jew il-lewż morr.

**Il-metodu tat-tilqim**. B'serrieq jaqta', wieħed għandu jaqta' z-zokk tal-lewż morr, ta' l-isfarġel jew tal-pruna ftit 'l isfel minn wiċċ il-ħamrija, jew inkella tlieta jew erba' piedi 'il fuq mill-ħamrija, u b'mus jaqta' ifellel fi tnejn dan iz-zokk. Imbagħad, ideffes ġo fih it-tilqima, sura ta' feles, li jkun irid jagħmel. Iz-zokk tat-tilqima jrid ikun maqtugħ minn fergħa b'saħħitha, u qatt minn fergħa marida. M'hemmx għalfejn ikun itwal minn 6 pulzieri. Innaħa ta' isfel trid tinqata' b'mod li tispiċċa għalxejn għalxejn, sura ta' V. Il-qatgħa ssir b'xafra taqta' u misnuna sewwa. Il-feles tat-tilqima jrid jidħol sewwa fil-qasma b'mod li l-qoxra tal-feles tkun tmiss mal-qoxra taz-zokk maqsum. Imbagħad orbot it-tilqima u agħlaq il-bqija tal-qasma b'biċċa tafal biex ma tidħolx arja, u wara wieħed għandu jimborġa sewwa t-tilqima l-ġdida bil-ħamrija.

Jekk it-tilqima tieħu, allura dik il-fergħa li tkun iddeffset bħala feles tibda tarmi, u tikber sakemm issir siġra. Fuq l-istess siġra, hemm min jagħmel żewġ tilqimiet jew iżjed differenti, biex jieħu frott differenti.

### *It-Tilqim bil-Għajn*

It-tilqim bil-għajn jissejjaħ ukoll tilqim bil-qoxra.



Dan it-tilqim isir fis-sajf, fix-xhur tas-sħana minn Ġunju sa l-aħħar ta' Awissu.

Is-siġar li jistgħu jitlaqqmu b'dan il-mod huma dawk tal-ward (xandri), tal-frott irqiq u taċ-ċitru jew tal-lumi u tal-larinġ.

It-tilqim bil-għajn jitlob ħafna iżjed attenzjoni mit-tilqim bil-feles. Billi jkun is-sajf, wieħed irid joqgħod attent li ma jlaqqamx siġra li tkun qiegħda tbati bil-għatx jew meta t-temp ikun bl-eħtrieq. Dan hu hekk għax allura z-zokk u l-qoxra tas-siġra jkunu neqsin minn dak is-sugu meħtieġ li jkun hemm taħt il-qoxra u li bih it-tilqima tista' tieħu u tagħqad ħaġa waħda maz-zokk. Għalhekk, ikun jaqbel jekk is-siġar jissaqqew xi ġranet qabel ma jitlaqqmu, ħalli jkunu mhejjija sewwa.

Il-larinġ u l-lumi jitlaqqmu fuq il-larinġ tal-bakkaljaw. Il-għajn għandha tittieħed minn zokk b'saħħtu u tond, tinqata' minn nofs il-fergħa u għandha tinqala' b'mus għal ta' l-apposta u titwaħħal maz-zokk fejn tkun se ssir it-tilqima. Tajjeb li t-tilqima tkun minn fergħa qawwija. Frieghi morda jew bil-gomma għandhom jiġu mwarrba. Jekk il-qoxra li se tlaqqam ikollha r-rimja tagħha vojta, u l-laħam tal-għajn tkun qlajtu ma' l-



injam li neħħejt, allura dik it-tilqima ma tista' tieħu qatt. Wieħed lanqas m'għandu jaqta' kmieni l-fergħa li minnha jkun se jieħu t-tilqim. Il-fergħa li minnha tkun se taqta' t-tilqima, trid tkun friska.

Il-għajn għandha tiddaħħal f'postha b'dan il-mod: Aqta' sinjal b'mus f'sura ta' 'T' kbira, imma fl-istess waqt wieħed ma jridx jisloħ iz-zokk ta' taħt.





Imbagħad, iftaħ il-qoxra u daħħal il-għajn ġewwa u orbotha sewwa b'biċċa raffja, sflask jew materjal ieħor. Jekk it-tilqima tieħu, minn dik id-daqsxejn ta' tikka toħroġ fergħa li wara ftit snin tifforma siġra. Tilqim bħal dan jista' jsir fuq friegħi torja, kif ukoll fuq friegħi qodma. Iżda wieħed ikun iżjed għaqli jekk jagħżel friegħi torja għax it-tilqim ikun eħfef u jaqbad iżjed malajr. Friegħi li għandhom ħxuna ta' lapes huma l-aħjar.

Importanti li ninnutaw ukoll li, siġar li jkunu tlaqqmu bil-feles u ma ħadux, issa jistgħu jerġgħu jitlaqqmu bil-għajn jew bil-qoxra fuq dawk il-friegħi ġodda li jkunu rmew wara li s-siġra tkun tqaċċtet.

Fl-aħħarnett ta' min igħid li s-siġar taż-żebbuġ u tar-rummien huma ebsin biex wieħed ilaqqamhom bil-għajn.

### *It-Tilqim bit-Tlaqqigħ taz-Zkuk*

Hemm metodu ieħor inqas komuni ta' tilqim u dan jissejjaħ tilqim bit-tlaqqigħ taz-zkuk. Dan isir billi wieħed ilaqqa' flimkien żewġt izkuk ta' varjetajiet differenti li jkunu mqaxxra ftit fuq naħa waħda ta' kull zokk, u mbagħad jorbothom flimkien sewwa. Wara, dawn jiffurmaw zokk wieħed, u għaldaqstant wieħed ikun jista' jaqta' zokk u jieħu l-varjetà li jkun xtaq.

### *Għodda*

Biex kull tilqim jirnexxi jeħtieġ li jkollna jum tajjeb, siġra tajba, tilqima tajba u għodda tajba.

L-ebda tilqim ma jista' jsir b'għodda ħażina. Mela qis li jkollok mus apposta jaqta' ħafna u raffja biex torbot. L-ispag mhux tajjeb għat-tilqim.

### *Għaliex it-tilqim?*

L-ewwel nett għax bit-tilqim is-siġra jkollha protezzjoni kontra ħafna mard billi fil-ħamrija jkun hemm għeruq li jirreżistu l-mard jew li l-mard ma jagħmilx għalihom. Siġra li ma tantx tagħmel frott nistgħu nagħmluha tagħti ħafna frott, jew inkella iżjed minn tip wieħed ta' frott. Jekk tkun taf li hemm frott aħjar milli għandek int, tista' tagħmel siġra tagħtik il-frott li tixtieq int. Hekk fi ftit żmien tista' tara siġra li qabel kienet tagħmel dan it-tip ta' frott, u issa tagħmillek tip ieħor ta' frott.

Siġar selvaġġi tal-frott tista' tibdilhom f'siġar għammiela ta' frott tajjeb u bnin, u fl-istess ħin kotran.

*(jissokta)*

***Nota:*** *Ħajr lil Joseph Borg għar-ritratti tat-tilqim li qed jidhru, meħuda mill-ktieb "Il-Ġardinaġġ Malti", Kullana Kulturali nru.28, PIN, 2001. Nirrikmandaw dan il ktieb tassew utli għall ġardinara.*

**TROPICAL FOREST**
**Aquarium, Pet & Garden Centre**

Mġarr Road, Xewkija,
Gozo - Malta.
Tel: 2156 3805
Mob: 9986 4255

**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**


gozo press
OFFSET & LETTERPRESS PRINTING • GRAPHIC DESIGN STUDIO

**gozo press**

**Offset & Letterpress Printing**
**Graphic Design Studio**

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look

*Sharmain's Styling Salon*

*57,*
*St. Joseph Square*
*Qala, Gozo*
*Tel: 2156 6236*

**Xerri l-Bukkett**



***Bar***
***Restaurant*** ***Pizzeria***
*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*
Triq iz-Zewwieqa Qala
**Tel. 21553500**

**HILITE**
HARDWARE STORE
***FRANCO - BELGE FIRE PLACES***
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

**Home Decorations**
* *Specialising in Gypsum wall partitions*
* *Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles*
* *PVC Wall Panelling*
* *Interior Painting*

For Free Home Estimates
*Call* **Frank Azzopardi**
on 2156 5241 or 9982 9195

**BOGI AUTO LTD**
- **Spare Parts**
- **Batteries**
- **Accessories**

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

**FUQ L-INTERNET**
**RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo**
**IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX**
**http://www.gozodirect.com/lumenchristi**




# 4. IN-NIĊEĊ FIL-BELT VICTORIA



*Essay ta' George Camilleri mir-Rabat (6th Form, Skola Sekondarja Sir M'Anġ Refalo)*



**Għawdex għandu ħafna opri li jixhdu t-twemmin nisrani tal-poplu u partikolarment id-devozzjoni li għandu lejn diversi qaddisin tal-Knisja Kattolika. Ħafna minn dawn juru l-antikità kif ukoll l-intensità tal-fidi, flimkien mal-ħidma artistika u l-ispirazzjoni ta' min ħadem dawn ix-xogħlijiet. Ċertament, fost dawn l-opri nistgħu ninkludu n-niċeċ li jżewqu l-belt kapitali ta' Għawdex, ir-Rabat.**

Ir-Rabat huwa miżgħud bin-niċeċ ta' Kristu, tal-Madonna jew ta' xi qaddisin. Fir-Rabat hemm madwar tnejn u għoxrin niċċa, mifruxin mal-belt kollha. Jinstab numru ta' niċeċ daqshekk kbir għal diversi raġunijiet. Forsi l-iktar raġuni ovvja huwa l-fatt li r-Rabtin għandhom devozzjoni kbira lejn il-qaddisin u għalhekk kienet tinħass il-ħtieġa li jinbnew niċeċ differenti f'inħawi imxerrdin mal-belt kollha. Ħafna mill-istatwi li nsibu fin-niċeċ mhux neċessarjament għandom xi valur artistiku, u l-maġġoranza kienu ġew maħduma minn xi dilettanti. Il-parti l-kbira tagħhom huma magħmula mill-ġebel; għalhekk, sfortunatament, biż-żmien xi uħud minnhom tmermru. Grazzi għall-isforz ta' diversi devoti u dilettanti, ssib xi niċċa 'l hawn u 'l hemm li tiġi restawrata (dejjem jekk ikollha bżonn) u miżmuma f'kundizzjoni tajba. Ħafna minn dawn in-niċeċ saru bis-saħħa ta' xi wegħda, waqt li oħrajn saru frott ta' devozzjoni lejn xi qaddis.

Kif diġa semmejt, hemm numru kbir ta' niċeċ fir-Rabat. Waħda mill-iktar popolari hija dik tal-Madonna ta' Loretu. Din tinsab f'Misraħ San Ġorġ u kienet meqjusa bħala waħda mill-iktar niċeċ artistiċi, billi minbarra li kienet niċċa b'vara tal-ġebel, kellha ukoll imnaqqxa fil-bażi tan-niċċa anġli sħaħ daqs għamla ta' tarbija tal-fisqija. Sfortunatament, meta Misraħ San Ġorġ kien ġie mkabbar, l-anġli kellhom jitneħħew bħala parti mill-proċess.

Niċċa oħra tal-Madonna ta' Loretu tinsab fi Triq Għajn Qatet. Din hija popolari ħafna, tant li f'dawn l-aħħar snin kienet bdiet issirilha festa li fiha tieħu sehem il-banda u jsir il-logħob tan-nar u purċissjoni bi statwa oħra magħmula apposta. Niċeċ oħra popolari huma dawk tal-Madonna tal-Kunċizzjoni li qegħdin waħda f'kantuniera fi Pjazza Savina, oħra fi Pjazza Santu Wistin, oħra f'Misraħ San Franġisk, maġenb il-knisja ta' San Franġisk, oħra fi Triq San Duminku u oħra li tinsab fuq iz-zuntier tal-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini.

Qaddis ieħor li narawh f'ħafna niċeċ fir-Rabat huwa San Ġużepp. Fi Triq Vajringa nsibu żewġ niċeċ tiegħu, waqt li hemm oħra fi triq wara Santu Wistin, oħra fi Triq Għajn Qatet, oħra fi Pjazza San Franġisk, u fi Triq il-Belliegħa wkoll. Insibu wkoll, fir-Rabat, tliet niċeċ tal-Madonna tal-Karmnu; waħda fi Triq San Ġorġ, oħra fi triq wara Santu Wistin u oħra fil-ħara ta' Ħamet (li llum il-ġurnata jsibuha wkoll bħala l-Madonna tar-Rummiena).

Dawk kienu l-iktar niċeċ popolari u li għandhom numru kbir ta' niċeċ ġol-belt tar-Rabat. Insibu bosta statwi oħra ta' qaddisin differenti li għandhom niċċa waħda jew tnejn u li huma mxerrdin mal-belt kollha. Fost dawn hemm in-niċeċ ta' San Franġisk t'Assisi (fil-kantuniera ta' Triq Putirjal u Triq ir-Repubblika



In-niċċa tal-Madonna tal-Providenza fi Triq il-Providenza (wara l-Bażilka ta' San Ġorġ) fir-Rabat



In-niċċa tal-Madonna tar-Rummiena fit-triq prinċipali bejn Ta' Ħamet u ċ-Ċimiterju tal-Barmil

u oħra fi Triq Putirjal). Ma nistgħux ninsew lill-Madonna tad-Duluri, bin-niċeċ tagħha fi Triq Karità u fi Triq San Ġorġ. U kif qed insemmu lil San Ġorġ, nistgħu nsemmu n-niċċa miftuħa u tant popolari tiegħu, dik ta' San Ġorġ tal-Ħaġar fi Triq San Ġorġ ukoll. Fi Triq Karità nsibu statwa/niċċa tal-Madonna tal-Karità, oħra ta' San Lwiġi Gonzaga u oħra ta' Sant' Antnin . Fi Triq Mons. Farrugia nsibu statwa tal-Madonna tal-Ħniena u fi Triq Santa Marija nsibu niċċa sabiħa u devota ta' Santa Marija. Fi Triq Providenza nsibu niċċa tal-Madonna tal-Providenza. Hawnhekk wieħed jista' jara li ħafna ismijiet tan-niċeċ huma ukoll konnessi ma' l-ismijiet ta' toroq. Isaħħaħ dan l-argument huwa l-fatt li fi Triq Sant' Andrija nsibu niċċa ta' l-istess qaddis.

Niċċa oħra li tinsab fi triq wara Santu Wistin, mal-ħafna li diġa hemm, insibu dik tal-Qalb ta' Ġesù (li hija xogħol ta' l-istatwarju Wistin Camilleri). Fi Triq Sant'Orsla hemm in-niċċa tal-Madonna tal-Bon Kunsill (li hija f'għamla ta' bust) u fi triq wara s-sur nsibu niċċa bil-vara tal-Qalb ta' Marija. Fi Triq l-Assunta nsibu niċċa ħelwa ta' San Makarju u Santa Liena (illum il-ġurnata, f'din in-niċċa hemm ukoll statwa tal-Qalb ta' Ġesù). Fi Triq l-Arċipriet Saverju Cassar tinsab niċċa ta' Kristu Re u f'Misraħ it-Tokk nsibu niċċa bil-ħġieġ tal-Madonna ta' Lourdes, li fil-festi tal-Madonna tiġi dejjem mixgħula. U fl-aħħar imma żgur li mhux l-inqas, hemm in-niċeċ li jinsabu fejn il-mini taċ-Ċittadella: taħt il-mina l-qadima nsibu xbiha ta' Sant' Anna flimkien mal-Madonna. Dawn iż-żewg xbihat ma nżebgħux u tħallew fl-oriġinalità tagħhom kif ħarġu minn idejn ta' l-iskultur. Mill-banda l-oħra, taħt il-mina l-ġdida tal-Gran Kastell hemm in-niċċa ta' l-Addolorata tas-Soledad.

Il-bniedem minn żmien għal żmien joħloq evidenza tat-twemmin u d-devozzjonijiet tiegħu. Jekk aħna nieħdu ħsiebhom, in-niċeċ tal-belt Rabtija Għawdxija, bħal dawk ta' nħawi oħra f'pajjiżna, ċertament jibqgħu xhieda ħajja u viżibbli fil-ġejjieni ta' din il-karatteristika hekk interessanti tal-Maltin u l-Għawdxin.





**Iktbilna u għidilna x'jidhirlek mir-rivista tagħna, u tirċievi b'rigal ktieb tassew sabiħ!**

*Indirizza l-kummenti jew suġġerimenti tiegħek f'ittra lill-Editur, "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, VCT111.*

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Mons Alwiġ Vella (1859-1928)

## 1. Profil fil-Qosor: Min kien?



Mons. Alwiġ Vella

Mons. Alwiġ Vella għadu ħaj fl-opra sabiħa tal-knisja ta' Savina u l-Adorazzjoni Ewkaristika li huwa waqqaf.

Twieled fl-10 ta' Diċembru 1859 f'Victoria, Għawdex. Għammduh l-għada fil-knisja ta' San Ġorġ u ngħata l-ismijiet ta' Lwiġi, Krispin, Lawrenz u Anton. Il-ġenituri tiegħu ħasbu biex jagħtuh edukazzjoni xierqa u għalhekk beda jattendi l-ewwel l-iskola primarja u mbagħad dik sekondarja. Ta' din l-età wera diġà ruħu bħala student matur u diliġenti fl-istudji li kien jagħmel. Lwiġi daħal is-Seminarju ta' Għawdex fl-1877 jiġifieri meta kellu tmintax-il sena.

Il-ħajja ta' Dun Alwiġ, fis-Seminarju kienet eżemplari u attiva f'dik li hija ħajja ta' talb u studju. Kien assidwu fil-meditazzjoni ta' kuljum u qatt ma ħalla l-qrar u t-tqarbin ta' kull ġimgħa. Fil-kappella kien jinżel l-ewwel wieħed. B'hekk huwa ssoda fil-virtù, fl-ubbidjenza u fil-qalb tajba li kellu. Ġie ordnat saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1882.

Wara l-ordinazzjoni saċerdotali baqa' xi żmien fis-Seminarju bħala prefett u surmast. Il-ħajja saċerdotali tiegħu kienet tikkonsisti f'ħidma mal-poplu permezz tal-predikazzjoni, qrar u anki kitba. Fl-1890 sar Kappillan fl-Isptar Ċivili f'Victoria fejn baqa' għal tnax-il sena. Hemmhekk huwa wera ruħu ħabib u ta' konsolazzjoni għal tant morda. Eżerċità wkoll il-ministeru ta' Direttur Spiritwali lis-Sorijiet Franġiskani u Dumnikani.

Iżda l-aktar attività importanti li Dun Alwiġ wettaq, kienet il-bini tal-knisja ta' Savina u t-tixrid ta' l-adorazzjoni lil Ġesù fl-Ewkaristija. F'dawn l-opri tiegħu ġie ispirat mill-kitba u l-ħidma ta' San Pietru Ġiljan Eymard, appostlu ta' l-Ewkaristija. Meta nfetħet il-knisja ta' Savina, il-Kardinal Ferrata li ġie għal dan l-iskop, quddiem folla nies qal lil Dun Alwiġ dawn il-kelmiet: "Monsinjur jew aħjar, Padre Eymard ieħor, f'ebda poplu ma sibt fidi qawwija bħal din."

Din l-attività pastorali tiegħu ma begħditux mill-attività ta' l-istudju. Fit-30 ta' Mejju 1899, wara konkors inħatar Kanoniku Teologu. Daħal għal dan ix-xogħol bl-akbar impenn u serjetà. Kien jispjega sewwa l-Iskrittura fil-Katidral ta' Għawdex. Kellu t-talent li jfiehem filwaqt li l-poplu kien jattendi bi ħġaru. Fis-7 ta' April 1900 għamel eżami quddiem kummissjoni, u hekk ħa l-lawrja fit-teoloġija. Imbagħad fl-1909 Dun Alwiġ nħatar bħala professur tat-Teoloġija Dommatika fis-Seminarju ta' Għawdex fejn dam jokkupa din il-kariga għal tmintax-il sena. Fit-12 ta' Marzu 1923, Ruma għażlitu Arċidjaknu tal-Katidral ta' Għawdex.

Ħalla din id-dinja fis-17 ta' Lulju 1928. Fil-perjodiku l-Ewkaristija ta' Lulju-Awissu ta' dik is-sena fost l-oħrajn inkiteb: "O ruħ qaddisa, li tant ħabbejt lil Ġesù Sagramentat u tant ħdimt għalih matul ħajtek, mur, mur iva, biex tirċievi l-premju ta' tant ħidma u mħabba."

*(Din is-sensiela hija msejsa fuq il-ktieb "Dun Alwiġ ta' Savina" miktub minn Mons. Anton Gauci. Min jixtieq jixtri kopja jirrikorri għand l-awtur).*

***Angelo Xuereb***







# APPREZZAMENT

## MONS. CARMELO SCICLUNA (1931-2005) EX-ARĊIPRIET TAL-KATIDRAL TA' GĦAWDEX



*Nhar is-Sibt, 12 ta' Marzu, wara nofsinhar sar il-funeral ta' Mons. Carmelo Scicluna fil-Knisja Katidrali fejn madwar 60 saċerdot ħadu sehem f'konċelebrazzjoni funebri li tmexxiet mill-Arċidjaknu u Vigarju Ġenerali Mons. Ġiovanni Bosco Gauci.*

*Mons. Carmelo Scicluna kien għalliem ta' ħila u għal xi snin kien jgħallem l-Ingliż u l-Matematika fil-Liċeo t'Għawdex. Kellu karattru u qalb tad-deheb, u wara li għamel xi snin Viċi-Parroku fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, qatta' l-bqija ta' ħajtu Arċipriet tal-Katidral ta' Għawdex fejn għamel ħafna opri u riformi u għal snin twal għallem minn fuq l-ambone bl-omeliji serji u ppreparati tiegħu. Kif stqarr il-predikatur waqt il-konċelebrazzjoni ta' suffraġju, Mons Scicluna kien predikatur għaref (u jien ngħid "brillanti") li rifes fuq il-pulpti kollha t'Għawdex u anke ta' bosta f'Malta. Jiena kont nammira ħafna wkoll il-pinna tajba li kellu, li kienet turi kemm kien bniedem aġġornat u ntelliġenti. Aqbdu f'idejkom diversi ħarġiet tal-ġurnal kattoliku "Leħen is-Sewwa" u taraw x'tilef Għawdex fil-persuna ta' Mons Carmelo Scicluna li ħalliena fl-età ta' 73 sena. Kien ħabib intimu ta' Mons Tarcisio Gatt, li tiegħu kien għamel orazzjoni funebri letterarja li baqgħet tissemma u ġiet ippubblikata. Dun Karm, kif konna nafuh,kien anke tilef f'età żgħira lil ħuh Dun Franġisk, li ħafna għadhom jiftakruh. Ma ninsa qatt it-tbissima ferreħija tiegħu!*

*Fost il-pubblikazzjonijiet li ħareġ Mons. Sċicluna matul ħajtu, insibu "Il-Katidral ta' l-Assunta" (1965); "Santwarji Marjani f'Għawdex" (1967); "Ngħixu l-Griżma ta' l-Isqof" (1979); "Fehmiet Post Konċiljari" (1982); "Post Conciliar Views" (1982); "Il-Marjoloġija u l-Kult Marjan" (1984); u "Il-Mara bil-libsa tax-Xemx" (1987).*

*Din hi lista ta' kotba li tidher fl-edizzjoni 1997 ta' "Maltese Biographies of the Twentieth Century". Dan ma jfissirx li mill-pinna tiegħu ma komplewx ħerġin iktar kitbiet ta' interess li jgħallem u jiggwidaw lil kull min jaqrahom, speċjalment fil-letteratura marjana u fit-tagħlim soċjali u morali għall-insara ta' żmenijietna.*

***Mons. Scicluna jibqa' f'moħħna u f'qalbna.***
***AGĦTIH O MULEJ IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM!***

***Joe M. Attard***

SALIBA INTERIORS
Għal xogħol ta'
Gypsum, Żebgħa fuq ġewwa,
Partitions, Bulkheads, Coving,
Soffitti, Parquet Flooring.
Contact Raymond Saliba
Mob: 7970 2274

TA' KENUNA
Bar & Restaurant
Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.
Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645

*Għawdxin li għadna niftakru - 24* *Minn Pawlu Mizzi*

# DWARDU TA' FITTIT

**L-ewwel darba li rajtu kien f'Ottubru ta' l-1952. Fil-bieb ta' l-iskola l-qadima tax-Xewkija, dik tat-triq tal-knisja, kważi kif mill-mitħna tilħaq il-pjazza! Għadni nġibu quddiem għajnejja jittawwal 'l fuq u 'l isfel tat-triq. Imbagħad, kif lemaħni, donnu biex jgħidli li kien hemm fuq l-għatba minħabba fija u mhux biex jissindika, qalli jitbissem:**



'*Ent, jakaw, is-ser el-ġdejt!*'

Weġibtu bi tbissima oħra. Kif ġie li jagħmlu l-ħbieb meta jkunu ilhom ma jaraw lil xulxin.

'*Kallej es-surmost le kent se teddawwar!*' kompla qalli sakemm b'idu l-waħda fetaħli l-antiporta.

Hekk kienu l-purtinara dari. Bidilli u segretarji fl-istess ħin! Mur hemm! Ġib 'l hawn! Agħmel din! Għid lil dak! U f'kollox jobdu u puntwali. Daqs direttur, imma, kienu jħossu ruħhom importanti.

Anke l-purtinar fis-sistema ta' l-Edukazzjoni ta' żmien tfuliti kellu funzjoni. U konna nuruh rispett. Illum mod ieħor. Lanqas jekk jgħaddi minn għalihom id-direttur tassew ma jagħtu kas it-tfal!

Jaqbadni l-bard inħares lura fl-istorja. Sa mitt sena ilu Skola Sekondarja waħda biss kellna f' Għawdex. Il-*Girls Secondary School* u l-*Lyceum* fir-Rabat. U s-Seminarju. Ftit, għalhekk, kienu jitħajru jitgħallmu. U min minn f'xi raħal 'l bogħod kienet tiġih il-ħajra ta' qassis biex imur ir-Rabat kellu jew jimxi kuljum jew jikri kamra għal sena u ma jmurx id-dar ħlief fi tmiem il-ġimgħa. Niftakar lill-President Anton Buttigieg, li kien mill-Qala, jirrakkontali kemm bata sa ma daħal is-seminarju maġġuri.

Imbagħad, wara l 1921 fetħu iktar skejjel primarji u wara l-1924 bil-*Compulsory Attendance Act* tħajru iktar tfal jitgħallmu. U dawn żdiedu wara l-1946 malli għaddiet il-*Compulsory Education Act* bit-tfal sa l-erbatax kollha jridu jmorru l-iskola bil-fors. L-ispazju fl-iskejjel fil-veru sens tal-kelma ċkienu. U biex tinstab soluzzjoni, it-tfal kellhom jinqasmu fi tnejn: biċċa filgħodu, mit-8.00 am sas-12.00 pm, u biċċa wara nofsinhar, minn 12.30 pm sa l-4.30 pm.

Meta sirt *teacher* fl-1948 konna għadna b'dil-*halftime system*.

'*Mele kemm ilik tallim!*' staqsieni.

'Mill-1947,' weġibtu. 'It-tfal kienu għadhom jiġu jibku. Imbagħad, bdejt regolari f'Raħal il-Ġdid is-sena ta' wara. Sa dak iż-żmien ukoll ħafna kienu jiskartaw. U oħrajn jiġu b'nofs qalb. Ma kienx ikollhom sabar joqogħdu fuq bank. Kollha kienu jridu jmorru t-tojlett. U min itella' idu minn hawn u min jagħjat, 'Ser, jien, jien!' minn hemm.

'Hawn, int malajr drajt sur Mizzi!' interonpieni jidħak is-sur Agius. U wara li bbrifjani fuq l-iskola u fuq xi *problem boys* li kelli noqgħod attent għalihom, tani *Standard One: C*.

'Irrid nagħmel esperiment b'din il-klassi,' qalli. 'Irridek titla' biha sa *standard five*.' Rani nisfar. 'Naf li tqila!' kompla qalli. 'Imma għadek żgħir u mimli ideat. U sewwa naraw xi demm ġdid fl-iskola tagħna!' temm jgħidli mhux mingħajr ftit tas-sarkażmu. Imbagħad, qal lil Dwardu jwassalni sal-klassi u ħriġna.

'*Ussa kejf nejdlik jin amil!*' wissieni Dwardu aħna u telgħin it-taraġ. '*Mewx kejf kallik is-surmost. Ħallejk mill-esperimenti! Kuddimik tfol tel-bdiwe għandik mewx tel-prufissuroj!*'

Ma fhimtx sewwa x'ried jgħid. U għall-ewwel sagħtejn, ma' kull tektika ta' l-arloġġ li kien hemm fil-kurritur, ħlief dit-twissija ta' Dwardu tidwi f'widnejja ma smajtx.

'*Kuddimik tfol tel-bdiwe andik ... tel-bdiwe ... tel-bdiwe! Mewx kejf kallik is-surmost!*'

U ħriġt mill-klassi fl-għaxra b'rasi trid tinqasam. Mn'alla ħdejn il-bieb kien reġa' feġġ Dwardu. Jidħak u jistaqsini kif mort.

Ma weġibtux. U sakemm wassalt il-klassi fil-fila sal-bitħa Dwardu mexa miegħi. Iredden. U jgħid u jgħid fuq it-tfal tiegħu. Ġanni u Ninew. U kemm kien jieħu gost jarahom abbatini.

'*Ax, don, ser. tijej, ukill, tof!*' qalli, itaptapli fuq spallti. '*mijew andej sitt' oħra! U tnejn mejte!*'

U jien nisma' sieket. Qisni xi direttur ta' istitut!

Imbagħad bdejt nifhem x'kienet dik il-ħerqa tiegħu! Riedni neħodlu ħsiebu. B'mod partikolari fil-klassi. Qatt ma nsejtha dik il-ħarsa t'għajnejh. Imbeżżgħa. Mistħija. Imxenqa għall-ħniena .

Stħajjiltu missieri. L-istess ħerqa kellu għal uliedu. U l-istess tikrib mas-surmastrijiet. Biex ma jwarrbux għajnejhom minn fuqna. Attent fejn immorru u ma' min nagħmluha. U fl-iskola li ried jgħallimna.

'Għax l-iskola taghmilkom nies!' kien jgħidilna.

Kien missier mudell: mid-dar għax-xogħol. Il-bqija moħħu fil-knisja. Anke bil-lejl. Ma kienx jisma' l-qanpiena tal-vjatku li ma kienx joħroġ jakkompanja s-sagrament bil-fanal!

Sirna, għalhekk, ħbieb tassew. L-*istaff room* tagħna kienet il-*workshop* ta' Pietru. Inpaċpċu fuq elf ħaġa. Ilkoll madwaru. Hu bilqiegħda fuq il-bank tal-mastrudaxxa, b'riġlejh imdendla, jitbandlu; Pietru bilwieqfa b'idejh imserrħa fuq il-varloppa, jimmedita, iwieżen u jixtarr dak li jisma'; u 'l hawn u 'l hinn xi *teachers*. Ġorġ Mejlak mutu, jisma' u jidħak u Vassallo u Nikol Micallef jikkommentaw. Kliem ftit u meqjuż imma nebbiexi.

Attenti fuq kollox li ma nitkellmux fuq politika. Għax nistgħu nirfsu xi kallu u nagħlu. Dwardu ma kienx jaħmilha. Konna allerġiċi għall-'iżmi' kollha. B'mod partikolari l-imperjaliżmu. Dwardu kien jobgħod insemmulu li kien imsemmi għar-Re Dwardu. Xi drabi l-kliem kien jaqa' fuq il-baned jew il-knejjes.

Darba tfaċċa Pawlu ta' Bejża bil-borża jiġbor. U bil-pjanta tar-rotunda miftuħa f'idu.

'*Sabiħe virew w essejr!*' qal Dwardu. U kien l-ewwel li xeħet fil-borża kulma kellu fil-but. '*Emm aħne kassisejn anne bżunn!*'

Hemm kienet tħabbat qalb Dwardu. Fuq il-Knisja tal-Vanġelu imma! Mhux dik tal-ġebel. Kien jaf kemm ir-raħal kien nieqes mill-qassisin. U kien joħlom li xi darba xi ħadd minn uliedu jgħidlu li jrid isir qassis. Ta' spiss kien jiftaħ qalbu miegħi.

U jien lanqas kont naqtagħlu qalbu.

Lilij, imma, ma kienx jagħmillu kuraġġ. Sat-*third* kien kollox ward u żahar. Ma' *standard four,* imma, kull suġġett beda jitqal. Jien stess biex inlaħħaq kont warrabt is-sillabus u kkonċentrajt fuq l-Ingliż u l-Aritmetika. Kif xi għalliema kienu jagħmlu fi skejjel oħra! Basta t-tfal jgħaddulhom mill-eżamijiet!

Ħloqt, għalhekk, metodu komprensiv. Bis-*social studies* kollha flimkien. Somom li kulħadd jifhem, *mental* u *harder problems*, bi stejjer lokali. Ta' Saminu li jagħmel il-gallett; Ġużepp tal-Qala bix-xarabank tiegħu fit-toroq ta' Għawdex; b'ta' Ħaqqu jbigħ il-ħut li jaqbad; u bil-kunserva t'Għakrex bit-tadam tal-bdiewa tagħna.

U *Comprehension Tests* (Testijiet tal-Fehma kont ngħidilhom, għax hekk bil-Malti, u mhux 'Taħriġ il-Fehem') u *exercises* tal-*grammar* ta' l-Ingliż b'siltiet li jirrakkontaw biss fuq ambjent, folklor, storja u personalitajiet Għawdxin. Biex kull passaġġ ikun ċar u jiftiehem: il-karnival; il-festa ta' San Ġwann, l-emigranti fl-Awstralja, u Dun Pawl Micallef. Kif kienu jiġu ssettjati l-karti ta' l-eżamijiet ta' l-*entrance*.

L-isforz tiegħi ma kienx għalxejn. Minn 20 li għamlu l-eżami għaddew 4. L-ewwel darba fl-istorja tax-Xewkija! Ferħu. U riedu jagħmluli monument.

Jien, imma, ma fraħtx. It-tifel ta' Dwardu ma kienx fost dawk li għaddew. Għadu quddiem għajnejja Dwardu dakinhar li waslu r-riżultati. Lanqas saħħa jitkellem ma kellu!

'*Allura, ekk kellew ikun! Jarġa jippruva!*' qalli.

Xtaqt inqatta' kull karta li kont għamiltilhom biex nostor il-mistħija li qabditni. Bdejt naħseb li ma kontx kapaċi ngħallem il-klassi ta' l-*admission* u li ma kontx stinkajt biżżejjed miegħu. Konna ħbieb. U biex ma jaranix ninkwieta reġa' qalli: '*Wis-sene li ġejje ma tasolx!*'

Imma, is-sena li kellha tiġi wara ma waslet qatt.

L-aħħar li rajtu lil Dwardu kien ħafna snin wara. Fil-pjazza tat-Tokk. Kien għaddielu. Għax ma kienx iżomm f'qalbu! U kif rani ġie fuqi jidħak. U anke jien bdejt nidħak. Ftakarna u semmejna elf storja oħra: kif darba ġiegħelna t-*teachers* jikkoreġu l-pitazzi tal-*homework*; kif it-tfal ittrenjajthom jigdbu biex jirbħu fl-isport; kif darba bgħattu d-dar bi tlett ġebliet flok tliet ħobżiet; u kif darba oħra hu bagħat lili d-dar bil-pitazzi tas-sur Busuttil flok b'tiegħi! Lil kulħadd semmejna. Anke lit-tfal tal-klassi tal-*admission*! Lil Ġorġ Xerri, lil Ġużeppi Attard, lill-arċipriet Mercieca, lil Pawlu Caruana ta' Ħarablu li bintu llum nutara u membru tal-Parlament, lil Pawlu Haber ta' Pietru li x-xogħlijiet taċ-ċeramika tiegħu huma mxerrda fl-aqwa swieq tad-dinja. U anke lil Liju tiegħu.

'Tiegħek kienet l-aħħar storja qabel infridna,' għidt lil Leli dan l-aħħar fuq it-telefon.

'*Kin uddispjeċeħ wusk mite m'addejtx,' qalli. 'Missiri dukunur bike. Imme, birikni b'idejħ et-tnejn kabil tleqt lejn l-Awstralja. Illewm, addew aktar menn erbejn sene. Me nsejtew katt. Alejħ semmejtew it-tifil. Edward. U sor kassejs. Kejf rit lilej ew. Ellewm kijet kappillon tel-Esrej. Fr. Edward. Men jof kikew kemm kin jiġrej bil-vjutku mijew kikew laħkew* !'

Min jifhmu l-Mulej!

U għalaqt għajnejja naħseb. Qisni kont qed nerġa' narah jaħdem waħdu, siket qisu ġo *silent film*: mxammar, bl-ixkupa, jitlajja mal-kurituri ta' l-iskola! Jistinka biex ilaħħaq għall-knisja u ma jitlifx il-laqgħa ta' l-Azzjoni Kattolika. Jiġri u jgħaġġel kulfejn sejjer.

'*Ħellej lankis niddawwor ħe nilħek nejdilim lużurju*!

X'raġel kien dan Dwardu ta' Fittit!

## Passiġġata Biblika - 6

"Imma intom ġens magħżul, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih..." (1 Pt 26:75)

# IL-POPLU ĠDID TA' KRISTU FL-EWWEL ITTRA TA' SAN PIETRU

minn Fr. Charles Buttigieg

### *1. Introduzzjoni*

**Din l-Ewwel Ittra ta' San Pietru għalkemm hija indirizzata lill-komunitajiet nsara ta' Pontu, Galazja, Kappadoċja, Asja Minuri u Bitinja hija meqjusa bħala 'ittra ġenerali' miktuba qrib is-sena 63 W.K. f'Ruma għall-Knisja kollha.[1]**

**Fiha nsibu enfasi fuq id-dinjità ta' dawk kollha li jħaddnu r-reliġjon il-ġdida mwaqqfa minn Kristu. Tkompli tgħid ukoll li huma jissieħbu mat-tbatijiet ta' Kristu meta jgħaddu mill-prova tat-tbatija speċjalment dik tal-persekuzzjoni u wara din it-tbatija hemm wirt imħejji għalihom.**

### *2. Il-Poplu Ġdid ta' Kristu*

L-ewwelnett it-terminu tal-'poplu t'Alla' niltaqgħu miegħu fl-Antik Testment fil-ħsieb tal-poplu magħżul ta' Iżrael marbut ma' Alla permezz tal-patt. Fil-Ġdid Testment il-poplu ġdid nisrani sar il-poplu tal-patt il-ġdid li d-dar tiegħu tinsab fis-Sema.[2]

**i. Poplu Maħtur**

Pietru jindirizza lill-komunitajiet bħala dawk: "maħturin skond il-għarfa minn qabel t'Alla l-Missier, bit-tqaddis tal-ispirtu, biex jisimgħu minn Ġesù Kristu u jkunu mraxxin bid-demm ta' Ġesù Kristu" (1:2). Huwa poplu magħżul, qaddis, u mifdi: "mhux b'fidda jew deheb li jitħassru, imma bid-demm għażiż ta' Kristu bħala ħaruf bla għajb u bla tebgħa" (1:18-19).

Fl-ittra nsibu wkoll diversi riferimenti għall-A.T., per eżempju d-dinjità tal-poplu magħżul f'Iż 43:20: "biex nisqi l-poplu tiegħi, il-maħtur tiegħi." It-titlu ta' "saċerdozju qaddis" (2:5) insibuha f'Eż 19:16: "Intom tkunu għalija saltna ta' qassisin u ġens qaddis." Tema oħra hija l-imħabba t'Alla għall-poplu tiegħu f'Dt 7:7: "U l-Mulej tgħaxxaq bikom u għażilkom", u f'Mal 3:17: "huma jkunu għalija teżor liema bħalu".

Huwa permezz tal-qawmien ta' Kristu li dan il-poplu rċieva garanzija għall-fidi, tama ħajja f'Alla u għall-wirt li Hu lesta għall-poplu tiegħu li sar: "ġens maħtur, saltna ta' qassisin, nazzjon qaddis, poplu miksub, biex ixxandru t-tifħir ta' Dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb; intom li darba ma kontux poplu ta' Alla, li ma kontux sibtu ħniena imma issa qlajtu l-ħniena" (2:9-10).[3]

**ii. Poplu Mqaddes**

Il-poplu ġdid huwa msejjaħ għall-qdusija u għas-salvazzjoni, sabiex b'hekk jipparteċipa fil-glorja t'Alla fis-Sema meta jerġa' jiġi Kristu fid-dinja: "Alla ta' kull grazzja, li sejħilkom għall-glorja tiegħu ta' dejjem, wara li tkunu batejtu ftit, iqajjimkom hu stess, iwettaqkom, iqawwikom, isaħħaħkom" (5:10). Il-poplu t'Alla għandu jimtela' mela b'din it-tama qawwija sakemm tasal ir-rivelazzjoni finali ta' Kristu.[4]

**iii. Poplu Kristjan**

Dawk kollha li ħaddnu din ir-reliġjon il-ġdida bdew jissejħu 'Kristjani' fil-Knisja ta' Antijokja mmexxija minn Pietru (Atti 11:26). Il-poplu t'Alla għalhekk issa beda jħaddan distintiv ġdid għax aċċetta lil Kristu u jinsab determinat li jimxi warajh.

**a. Sejħa fi Kristu**

Din hi l-ewwel risposta tal-bniedem għall-bxara t-tajba ta' Kristu, li jqum u jimxi wara Kristu. Din kienet fuq kollox l-esperjenza ta' Pietru bħala sajjied li sema' bi Kristu mingħand huh Indrija, ħalla x-xbiek warajh u mexa wara Kristu u b'hekk sar 'sajjied tal-bnedmin'. Min jingħaqad ma' Kristu jduq għalih innifsu t-tjubija t'Alla. Dawk li jinsabu mitlufin għalhekk għandhom jingħaqdu fil-merħla ta' Kristu, Hu r-Ragħaj u l-Mexxej Spiritwali: "Kontu bħal nagħaġ mitlufa imma issa rġajtu lejn ir-ragħaj u l-għassies ta' rwieħkom" (2:25).

**b. Konverżjoni fi Kristu**

L-indiema u l-maħfra tad-dnubiet hija l-qofol tal-konverżjoni fi Kristu, li: "bil-ġrieħi tiegħu intom kontu mfejqa" (2:24). Dan kien il-qofol tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu sabiex il-poplu t'Alla jeħles mid-dnub u jikseb is-salvazzjoni. Il-poplu għalhekk għandu jwarrab il-ħażen u jimxi wara Kristu: "Warrbu mela kull ħażen u kull qerq, wiri ta' ħaġa b'oħra, għejriet u kull tqasqis. Bħal trabi għadhom kemm twieldu, ixxenqu għall-ħalib bla taħlit tat-tagħlim, biex tikbru bih għas-salvazzjoni" (2:1-2).

**ċ. Imħabba fi Kristu**

L-għemejjel tajba qatt ma għandhom jinqatgħu. Il-kristjani għandhom iħobbu lil xulxin fi Kristu bħal aħwa u lesti sabiex jaqdu lil xulxin bl-umiltà: "Kunu mimlijin bl-umiltà, wieħed ma' l-ieħor" (5:5). L-għemil ta' dawn il-ħwejjeġ tajba hu skond ir-rieda ta' Alla u għalhekk il-bniedem għandu jilqa' dan kollu bil-fidi u bl-imħabba: "La troddux deni għal deni, jew tagħjir għal tagħjir, imma bil-maqlub, bierku, għax għalhekk intom kontu msejħin, biex tirtu l-barka"(3:9).



**d. Tbatija fi Kristu**

Quddiem dan il-misteru tat-tbatija li nsibuh elaborat b'mod tajjeb f'din l-ittra minħabba l-esperjenza tat-tbatija li kienu għaddejjin minnha l-ewwel komunitajiet, huma għandhom iħarsu lejn Kristu bħala mudell u eżempju tat-tbatija. Kristu li bata għalina iżda wara din it-tbatija ġiet ir-rebħa u l-glorifikazzjoni. Hekk ukoll għall-poplu ġdid, wara t-tbatija ta' din id-dinja jirċievi l-glorja t'Alla: "Imma ifirħu skond ma tixxierku fit-tbatijiet ta' Kristu, biex fid-dehra ta' sebħu tifirħu u tithennew. Jekk intom mgħajrin f'isem Kristu, imberkin intom, għax l-Ispirtu tas-sebħ, li hu l-Ispirtu t'Alla, qiegħed fuqkom. Li ma jkun hemm ħadd fostkom li jkollu jbati bħala qattiel jew bħala ħalliel jew bħala wieħed li għamel xi deni jew jindaħal fejn ma jesgħux; imma jekk bħala nisrani, ma għandux jistħi; ħa jfaħħar lil Alla għal dan l-isem" (4:13-16).

## 3. *Konklużjoni*

Il-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja '*Lumen Gentium*' tal-Konċilju Vatikan II, fit-tieni kap tagħha dwar il-'Poplu ta' Alla' tagħti importanza kbira bir-riferimenti li tagħmel għal din l-Ewwel Ittra ta' San Pietru, li kif rajna hija ndirizzata lil dan il-poplu ġdid ta' Kristu u fejn huwa jħeġġeġ lil dan il-poplu sabiex jitqawwa fil-fidi, fit-tama u jimxi wara Kristu: "li darba miet għad-dnubiet, hu bla ħtija għall-ħatjin, biex iressaqna lejn Alla, maqtul fil-ġisem, imma mqajjem għall-ħajja fl-ispirtu" (3:18). Kristu rebbieħ fuq il-mewt, iħabbar issa r-rebħa tiegħu lill-qaddisin, lill-poplu ġdid nisrani.

## *Biblijografija*


*LOCKYER H., All the Apostles of the Bible, London 1972, 126-151.*

*The New Jerome Biblical Commentary, R.E. Brown – J.A. Fitzmyer - R.E. Murphy (eds.), London 1991, 903-908.*

*STIBBS A.M. - WALLS A.F., The First Epistle General of Peter, The Tyndale New Testament Commentaries 17, Michigan 1983.*

*WILKENHAUSER A., New Testament Introduction, New York 1958, 497-509.*

*1 A.M. STIBBS - A.F. WALLS, The First Epistle General of Peter, The Tyndale New Testament Commentaries 17, Michigan 1983, 63-64.*

*2 A. WILKENHAUSER, New Testament Introduction, New York 1958, 500.*

*3 A.M. STIBBS - A.F.WALLS, The First Epistle General of Peter, 183-184.*

*4 H. LOCKYER, All the Apostles of the Bible, London 1972, 150.*











*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*

# int u saħħtek



## Il-Ħajja Umana fl-Ewwel Siegħat Tagħha

**In-natura, bil-ġmiel u l-kobor li hemm fi ħdanha, hija xi ħaġa tal-għaġeb. Is-sigrieti tagħha jsaħħruk. Tista' tibda mill-ħajja mistura tal-pjanti, ta' l-għasafar jew tal-ħut fil-qiegħan ta' l-ibħra; jew mill-liġijiet li jmexxu l-kwiekeb fil-firxa tas-sema.**

Imma l-aqwa meravilja ta' min jitgħallem fuqha hija l-ħajja umana. Fid-dinja m' hawn xejn li jħabbatha mal-ħajja tal-bniedem. Ejjew naħsbu ftit fuqha flimkien.

Kull sena fis-6 ta' Frar fid-djoċesi tagħna jkun iċċelebrat – "Jum il-Ħajja" . Forsi dan il-jum igħaddi bħal jiem oħra tal-ġimgħa mingħajr lanqas biss nagħtu kasu. Bla dubju l-iktar ħolqien meraviljuż fl-univers huwa l-bniedem. Huwa biss il-bniedem li jaf jaħseb, kapaċi jfisser ruħu, jifhem xinhi mortalità u li għandu l-memorja.Il-bniedem ukoll jagħmel l-iżbalji, ikollu d-dwejjaq, ikun ferħan u kapaċi jħoss l-uġigħ.Dawn l-affarijiet flimkien jagħmlu lill-bniedem l-iktar parti nobbli tal-ħolqien u fil-fatt aħna tgħallimna li Alla ħalaq lill-bniedem xbieha tiegħu.

Il-ġisem tal-bniedem huwa magħmul minn biljuni ta' ċelluli li jiffunzjonaw qishom ħaġa waħda. Dawn iċ-ċelluli huma iktar kotrana mill-kwiekeb li hemm fis-sema.Mandankollu dawn flimkien jiffurmaw organiżmu wieħed li jdum disa' xhur biex jiżviluppa u dan jaf il-bidu tiegħu għal żewġ ċelluli li jingħaqdu flimkien li huma ż-żerriegħa tar-raġel u l-bajda tal-mara. Ġisimna huwa magħmul minn miljuni ta' ċelluli. Dawn qishom briks ġewwa ħajt. Dawn iċ-ċelluli huma tant żgħar li rridu nkabbruhom għal elf darba permezz ta' mikroskopju biex jidhru.

Iċ-ċelluli huma frak ħajjin, awtonomi u ta' daqs mill-iċken, komposti minn miljuni ta' molekoli ħajjin. Kull ċellula tiegħu n-nifs, tiekol u tirreaġixxi għall-ambjent ta' madwara.Mhux iċ-ċelluli kollha għandhom l-istess tul ta' ħajja. Per eżempju ċ-ċellula tan-nervituri jgħixu snin twal, filwaqt li ċelluli oħra jispiċċaw wara ftit jiem. Il-bqija taċ-ċelluli ħajjin jimmultiplikaw irwieħhom u jieħdu post dawk li jkunu mietu. Imma, kulma jmur, din il-vitalità tibda tnin u tnaqqas bil-mod il-mod u hawn hekk qiegħda r-raġuni l-għala l-bniedem jitgħakkes u jixjieħ.

Kull ċellula umana għandha nukleju li fih eżattament 46 partiċella msejħa kromożomi. Dawn il-kromożomi jikkonsistu minn miljuni ta' molekuli msejħa ġeni li jġorru fihom karatteristiċi ereditarji. Bis-saħħa ta' dawn il-ġeni aħna niksbu l-karatteristiċi ndividwali tagħna; fi kliem ieħor, karatteristiċi ndividwali li jiddistingwuna b' mod uniku, wieħed mill-ieħor: fis-sess, fit-tul, fil-lewn tal-għajnejn, għamla tax-xagħar.

Iċ-ċelluli kollha ta' ġisimna fihom l-istess taħlita ġenetika imma fl-istess waqt hija differenti minn dik ta' kull bniedem ieħor. Dan il-kodiċi jew timbru ġenetiku huwa magħruf bħala DNA. Fost dawn iċ-ċelluli hemm tnejn speċjali li jissejħu ċelluli sesswali: iż-żerriegħa tar-raġel u l-bajda tal-mara. Dawn meta jingħaqdu flimkien jiffurmaw l-embriju.

Skond il-liġi naturali, l-isperma u l-bajda jiltaqgħu fil-mara. Hawn il-bajda ta' l-omm għadha kif ħarġet mill-għanqud. Il-bajda tkun miksija b' ħafna ċelluli oħra qishom ġawhar. It-tubu ta' fallopju jiġborha ġo fih u jmexxiha lejn il-ġuf.

Kull xahar ikun hemm bajda waħda li timmatura fil-mara. Il-bajda tgħix għal 24 siegħa u f' dawn l-24 siegħa trid tkun fertilizzata minn żerriegħa tar-raġel. Jekk din ma tkunx fertilizzata, il-mara jkollha l-









pirjid. Fir-realtà , il-bajda hija ċellula waħda żgħira daqs ras ta' labra. Madankollu hija l-ikbar ċellula fil-ġisem tal-bniedem: hija ċellula kważi ġganteska għaliex fiha ggorr in-nutriment għall-ewwel bżonnijiet tal-ħlejqa l-ġdida. Sa mill-ewwel mument tal-konċepiment, in-natura tal-mara taħseb tipprovdi għat-tarbija tagħha.

Fl-istess ħin jidhru ċ-ċelluli sesswali tar-raġel imsejħa spermi. Ir-ras ta' kull waħda mhix għajr il-ġabra tal-karetteristiċi tal-missier, jew ġeni, regalati mill-missier għall-fertilizazzjoni. Jekk issir il-fertilizazzjoni, il-bqija ta' l-ispermi jispiċċaw biex imutu.

Permezz tad-denb, iż-żerriegħa tar-raġel timxi fil-ġisem tal-mara, u tasal sat-tubu ta' Fallopju biex tiltaqa' mal-bajda tal-mara jew l-ovum, vjaġġ twil għal ċellula żgħira bħal din, li jieħu madwar sitt siegħat. Hemm miljuni ta' spermi fil-likwidu seminali, ilkoll kemm huma jridu joqorbu lejn il-bajda u jakkwistawha. Imma ħafna minnhom imutu minħabba diffikultajiet li jsibu waqt il-vjaġġ. L-ambjent li jsibu jaffettwa l-ħajja qasira tagħhom. Mhix ħaġa kbira li koppja tkun trid tarbija u mhux dejjem jirnexxilha taqta' xewqitha.

Hawn il-mikroskopju qed jurina l-bajda kbira mdawra minn kull naħa bi spermi ċkejknin ferm li sa fl-aħħar waslu sat-tubu ta' Fallopju. Madankollu, b' mod tal-għaġeb, waħda biss minn dawn l-ispermi tinfed il-qoxra u tidħol fil-bajda tal-mara. Il-qoxra tal-bajda malajr teħxien u hekk l-ispermi l-oħra jibqgħu lkoll barra.

L-*ovum* jew bajda u l-isperma huma differenti għal kollox miċ-ċelluli l-oħra tal-ġisem. Waqt li qed tifforma fir-raġel, iċ-ċellula li sa ssir l-isperma tneħħi nofs il-kromożomi, jiġifieri jibqgħalha 23. L-istess jiġri fil-bajda. B' hekk, l-embriju li għadu kif tnissel ikollu kwota ta' 46 kromożom, nofs tar-raġel u nofs l-ieħor mill-mara. Dan xi jfisser? Dan ifisser li t-tarbija li ser titnissel minn dan l-embriju ser ikollha nofs il-karatteristiċi tagħha mill-omm u nofs l-ieħor mill-missier. Iżda fl-istess ħin il-kartteristiċi li ffurmaw huma uniċi u qatt u qatt ma jista' jkun hemm oħrajn eżatt bħalhom, lanqas mill-istess ġenituri. Hekk it-tarbija hija unika u mkien ma ssib oħra bħalha.

Wasalna issa fil-waqt maġiku tal-konċepiment. Fil-bajda naraw in-nukleju femminil u dak maskil jidħlu ġo xulxin sabiex isiru ħaġa waħda. S'issa dejjem għidna li, l-mument tal- konċepiment huwa l-bidu tal-ħajja. Minn din l-għaqda hemm il-potenzjal kollu tal-ħajja futura ta' dik it-tarbija.

Il-kromożomi li ġew mill-omm u mill-missier jingħaqdu tnejn tnejn u jgħaddu l-ġeni tagħhom. It-taħlit kollu possibbli li joffru miljuni ta' karatteristiċi huwa bla qies: għalhekk il-bajda fertilizzata għandha karatteristiċi uniċi, li ma jeżistu f'ħadd iżjed. Illum ix-xjentisti qed jisfruttaw dan il-perjodu ta' qabel l-implantazzjoni biex jittestjaw għal xi difetti ġenetiċi u jagħmlu xi tibdil fil-ġeni. Din hija meravilja. Ħadd ma jista' jfisser li minn żewġ ċelluli tant żgħar jistgħu jitnisslu miljuni ta' ċelluli bl-istess qalba ġenetika iżda li minnhom jiffurmaw organi differenti bħal muskoli, l-moħħ, id-demm, l-għadam, l-għajnejn, eċċ.

Iżda l-ikbar meravilja hija li dawn kollha flimkien jaħdmu qishom ħaġa waħda. Hija xi ħaġa fantastika biex tispjegaha. Dan huwa proċess ta' sbuħija bla qies.Mill-mument tal-konċepiment, il-ġisem tal-omm jibda jinbidel biex jipprepara biex jieħu ħsieb il-ħolqien ġdid li hemm ġo fih.



Madwar il-ġisem ta' l-omm jibdew jgħaddu messaġġi lill-organi kollha biex jippreparaw. Iċ-ċelluli bojod tad-demm li soltu jiddefendu lill-ġisem ta' l-omm jieqfu mix-xogħol tagħhom tas-soltu u jduru lejn it-tarbija. Ix-xogħol tagħhom prinċipalment issa ser ikun li jieħdu ħsieb tat-tarbija. Dan issa huwa individwu u mhux ċappa ċelluli bħalma hawn min irid igħid. Għalkemm l-omm lanqas tkun għadha taf, in-natura tagħmel minn kollox biex tagħtih merħba, tkennu u tieħu ħsiebu. Hekk l-ormoni speċjali jibdew jaħdmu biex jipproteġu l-ħajja ġdida.

Ftit siegħat wara l-konċepiment iż-żewġ ċelluli li iffurmaw jibdew jimmultiplikaw. Fin-nukleju oriġinali il-kromożomi jirreplikaw ruħhom u jinqasmu f' żewġ ċelluli identiċi. Hekk l-embriju ta' żewġ ċelluli jsir ta' 4, 8, 16, 32 li issa xjentifikament jissejjaħ *morula*, sa



kemm jirrepplika ruħu bil ħeffa u f'qasir żmien jitnisslu miljuni fuq miljuni ta' ċelluli.

Hekk b'mod tal-għaġeb, jinbena l-ġisem uman. Għandna tarbija li qed tikber u li qed tiġi wiċċ imb' wiċċ mal-ħajja. Dan kollu jseħħ matul id-disa' xhur tat-tqala. Għalhekk minn dan naraw li ma hemm l-ebda ħin jew intervall fejn l-embriju huwa nofs persuna u wara numru ta' siegħat isir persunaġġ. Il-ħajja tibda mill-mument tal-konċepiment u dan ma jista' jibdlu l-ebda xjenzat.

***(Ritratti meħuda mill-ktejjeb edukattiv "Il-Ħajja Umana l-Akbar Meravilja", Caritas - Għawdex, 1996)***




# IL-ĦAJJA

*Pariri lill-Adolexxenti minn MARY PULI*

## AĦRAB ID-DIFETTI Ż-ŻGĦAR

### 1 Storja

Guvnott xtaq jgħix ħajtu tajjeb għalhekk mar jieħu parir mingħand filosofu msemmi għal għerfu.

"Agħtini parir kif ngħix ħajja li tkun ta' sodisfazzjon għalija, għal familti u għas-soċjetà li ngħix fiha?"

Il-filosofu bla tlaqliq wieġbu: " Aħdem ħalli tiskopri liema huma d-difetti żgħar li spiss taqa' fihom u taħrabhom".

"Qed tgħidli naħrab id-difetti ż-żgħar ? Ngħid jien mhux aħjar id-difetti l-kbar?"

"Għaliex meta taqa' fid-difetti l-kbar, wiċċek jiħmar bil-mistħija, u biex dan ma jiġrix tagħmel minn kollox biex tražžanhom. Mhux hekk għad-difetti ż-żgħar! Meta d-difetti jkunu żgħar, ma tagħtihomx importanza u taċċettahom bħala xi ħaġa li m'hi xejn, imma xorta jgħalluk, ħabib!", qallu l-filosofu.

### 2 Tagħlim

Mhumiex ftit dawk li jħossu fawra tiela' għal wiċċhom meta jonqsu jew meta xi ħadd jikkoreġihom. Lil xi wħud jiġrilhom hekk għax jistħu, oħrajn jiġrilhom hekk meta jonqsu mill-manjieri u jiddejqu li n-nies ma jiħdux idea tajba tagħhom. Allura jirrabjaw u jistħu minnhom infushom.

Jekk ċerti difetti ma jiġux imrażżnin mill-bidu, meta tibda tikber, id-difetti jikbru miegħek u meta d-difetti joħorġu quddiem in-nies, tħoss fawra tiela' għal wiċċek, tiħmar bil-mistħija, l-aktar jekk tkun fost dawk li jafu jġibu ruħhom aħjar minnek. Stħarreġ liema huma d-difetti żgħar, li għalkemm la jagħmlu ħsara kbira lilek u lanqas lill-oħrajn, xorta waħda trid tevitahom.

### 3 Test

Ejjew nieħdu ftit eżempji:

- Għandek vizzju tgiddem dufrejk, iddaħħal subgħajk f'ħalqek, tħokk rasek, tfaqqa' subgħajk, tnaqqar imnieħrek, tmeċlaq waqt l-ikel?

- Meta tisgħol u tgħatas tgħatti ħalqek u mnieħrek bil-maktur jew tisgħol u tgħatas f'wiċċ l-oħrajn?

- Tittewweb meta tkun quddiem in-nies mingħajr ma tgħatti ħalqek u jekk tkun qed tittewweb xorta tkompli titkellem?

- Inti egoist/a, żaqqieq/a, ma taħsibx fl-oħrajn? Meta tiġi biex tieħu xi ħaġa ta' l-ikel meta tkun fuq il-mejda, x'tagħmel? Tagħżel l-aħjar għalik u tħalli l-agħar għal ta' warajk? Tieħu aktar milli jmissek u jibqa' ftit li xejn għal ħaddieħor?

- Jekk ikollok xi ħaġa tajba taqsamha ma' l-oħrajn?

- Meta ħaddieħor ikun qed jitkellem, taqbeż fin-nofs u taqta' l-konverżazzjoni jew tistaqsi ħafna mistoqsijiet personali biex titkixxef u ssir taf aktar fuq dak li jkun?

- Tiċċassa tħares lejn dak li jkun? Iddawwar wiċċek biex tifli lil xi ħadd li jkun għaddej biex taraħ tajjeb? Inti u miexi fit-triq, tħares ġewwa fid-djar meta l-bieb ta' barra jew it-twieqi jkunu miftuħin biex tipprova tissindika u tara x'hemm?

- Timxi jew titkellem b'idejk fil-bwiet? Isserraħ rasek fuq il-minkeb meta tkun qed titkellem jew tisma' lil-oħrajn?

- Tħobb turi b'subgħajk xi ħadd fil-pubbliku, jew li ssejjaħ lil dak li jkun b'leħen għoli?

- Meta tifraħ lil dak li jkun, mhux biżżejjed teħodlu b'idejh u tgħidlu "Prosit"? Mhemmx għalfejn tagħtih daqqa fuq dahru wkoll!

- Meta tkun bil-qiegħda toqgħod titbandal fuq is-siġġu jew toqgħod bil-qiegħda bid-dahar tas-siġġu fuq quddiem?

- Hemm ħin meta għandek tidħak jew tkun serju. a. Tidħak tgħajjat, tkemmex wiċċek jew titkerraħ meta turi li ma taqbilx fuq xi ħaġa?

- Titkellem fil-widnejn, jekk ikollok xi ħaġa li ma tixtieqx li jkunu jafu biha dawk li jkunu miegħek?

- Meta tkun miexi fi triq, timxi bl-addoċċ, jekk tkun fil-folla timbotta biex tgħaddi? Iżżomm postok fil-kju? Tieħu ħsieb li ma timblukkax il-bankina jekk tieqaf ma' oħrajn?

- Tħażżeż jew tisprejja fuq il-ħitan, tobrox bibien, karozzi, bankijiet (tal-knisja jew tat-triq) b'mus jew oġġetti oħra?

- Iżżomm ir-radju, sterjo, it-televiżjoni baxxi biex ma ddejjaqx lil ħaddieħor?

Hemm bosta difetti żgħar li jaqbillek taqtagħhom kmieni biex ma jrabbux l-għeruq u jkun diffiċli taqtagħhom meta tikber.

***Dejjem tiegħek, Mary Puli.***



# Bejnietna n-Nisa



Tiktbilna SUSAN MULVANEY

## DAWK IS-SAGĦTEJN QUDDIEM IT-TV

***Sagħtejn kuljum quddiem it-TV iżidu ċ-ċans li neħxienu bi 23 fil-mija u r-riskju tad-dijabete jiżdied b'14 fil-mija.***

Dawn huma l-konklużjonijiet ta' l-aħħar studju li sar mill-Università ta' Harvard, fl-Istati Uniti. Skond l-istudju, li ilu sejjer 12-il sena, li tintefa' tara t-televiżjoni huwa agħar milli toqgħod bil-qegħda u ma tagħmel xejn jew toqgħod tħit, tilgħab iċ-ċess jew issuq il-karozza. Dan għaliex meta nintefgħu quddiem it-TV nkunu qed innaqqsu r-rata tal-metaboliżmu tal-ġisem, bil-konsegwenza li nżidu x-xaħam. U dan, iwissu t-tobba ta' Harvard, jista' jwassal għad-dijabete.

U kif nistgħu nkomplu niggravaw is-sitwazzjoni? Billi quddiem it-TV nintefgħu nieklu l-*junk food*! Instab li n-nisa li jaraw l-iżjed TV għandhom l-agħar drawwiet fejn jidħol l-ikel: jieklu bl-addoċċ ikel li huwa mimli kaloriji u xaħam. It-tobba qalu li dawn jieklu "skond ir-reklami li jaraw fuq it-TV!"

Aktar minn 3,750 mill-50,000 mara li ħadu sehem, jew 7.5 fil-mija, li kellhom *Body Mass Index* ta' inqas minn 30 meta beda l-istudju fl-1992, ħxienu tant fl-ewwel sitt snin li l-*Body Mass Index* tagħhom qabeż it-30, il-punt fejn tibda l-obeżità. Barra minn hekk, 1,515-il mara minnhom żviluppaw id-dijabete tat-tieni tip.

Id-diriġenti tal-għaqda *Health Scout News* qalu li r-relazzjoni bejn it-TV u l-ħxuna toħroġ aktar ċara meta r-riżultati jiġu aġġustati biex jieħdu kont tat-tipjip, l-età, l-eżerċizzju (jew in-nuqqas tiegħu), u d-dieta.

X'nistgħu nagħmlu? Sempliċi, jgħidulna l-esperti ta' Harvard: nużaw ir-*remote control* u nitfu t-TV, inqumu minn fuq il-pultruna komda li qegħdin imxaħxħin fuqha u mmoru nimxu, insuqu r-rota jew nibdew innaddfu d-dar.

Il-Professur Frank Hu tal-*Harvard School of Public Health* jgħid li jekk persuna ddur mad-dar għal sagħtejn kuljum tnaqqas ir-riskju tal-ħxuna b'disgħa fil-mija u r-riskju tad-dijabete bi 12 fil-mija.

Sadanittant, skond Harris Poll, il-qari huwa l-iktar attività mfittxija mill-Amerikani meta dawn jiġu biex jirrilassaw: 24 fil-mija tal-1,017-il adult li ħadu sehem fi stħarriġ, poġġew il-qari fl-ogħla post tal-klassifika waqt li fit-tieni post, bi 17 fil-mija kull wieħed, hemm it-TV u li jqattgħu ż-żmien mal-familja u t-tfal.

Tmien snin ilu, 38 fil-mija kienu qalu li l-attivitajiet ewlenin tagħhom kienu dawk li permezz tagħhom



jagħmlu xi tip ta' attività fiżika, bħas-sajd, jaħdmu fil-ġnien, jipprattikaw xi sport, l-għawm, il-mixi, is-sewqan tar-rota, *hiking*, jiġru jew jiżfnu. Illum 29 fil-mija biss isemmu attivita' li fiha xi tip ta' eżerċizzju.

Wara l-qari, jaraw it-TV u jqattgħu żmien mal-familja, l-Amerikani jħobbu dawn l-attivitajiet f'din l-ordni: jistadu (9%); iċ-ċinema (7%); ikunu membri ta' tim sportiv, jagħmlu l-eżerċizzju u jaħdmu fil-ġnien (6% kull wieħed); imorru l-knisja (jew jieħdu sehem f'attivitajiet reliġjużi), jaraw xi tip ta' sport, jaħdmu jew jilgħabu fuq il-kompjuter u jieklu barra (5% kull wieħed); jimxu, jivjaġġaw, jisimgħu l-mużika, jixtru, jagħmlu l-*crafts* u jikkaċċjaw (4% kull wieħed); u jilgħabu l-*golf*, iħitu, jirkbu ż-żwiemel, imorru l-*hikes*, jikru l-films, jirrilassaw, isajru u jagħtu r-riċevimenti (3% kull wieħed).

Bi tnejn fil-mija jew inqas hemm iż-żfin, il-logħob tal-karti, ix-xogħol tad-dar, is-sewqan tar-rota, l-irqad, l-*iskiing*, l-għawm, il-ġiri, ix-xogħol ta' l-injam, l-ibburdjar, kura ta' l-annimali, il-*bowling*, it-tpinġija, l-ikkampjar, it-teatru, it-*tennis*, jaħdmu fil-karozza, is-sewqan tal-muturi, il-kitba, żjajjar lill-mużewijiet, il-kunċerti, imorru l-baħar, itellqu l-karozzi u jagħmlu d-*dates*. U int... x'qed tagħmel?




### *X'jixtiequ jisimgħu waqt il-funeral*

Skond stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika li fih ħadu sehem 45,000 Ewropew, il-maġġoranza qalu li waqt il-funeral tagħhom jixtiequ li tindaqq id-diska *"The show must go on"* tal-grupp *Queen*. Fit-tieni u fit-tielet post spiċċaw id-diski *"Stairway to Heaven"* ta' Led Zeppelin u *"Highway to Hell"* ta' AC/DC. Fl-Ingilterra l-preferenza marret fuq *"Angels"* ta' Robbie Williams.

### *Ċiniż jonfoħ il-bżieżaq b'widnejh*

Raġel Ċiniż għandu l-ħila jonfoħ il-bżieżaq u jitfi x-xemgħa b'widnejh. Wei Mingtang, ta' 55 sena, jaħdem f'fabbrika f'*Guilin City*, fil-provinċja ta' Guangxi. Hu qal li ilu jaf li widnejh inixxu l-arja għal mill-inqas 30 sena. Imbagħad ġietu l-idea li jonfoħ il-bżieżaq billi jdaħħal pajp f'widnejh, iqabbdu mal-bużżieqa u erħilu jonfoħ. Waqt wirja li attenda dan l-aħħar, Wei kien kapaċi li f'20 sekonda jitfi xemgħa li tpoġġew f'linja dritta. Dak il-ħin kellu pajp ħiereġ minn widintu!

### *Iżomm rettili fl-appartment*

Meta l-pulizija Awstraljana ssejħet biex tikkalma ġlieda bejn koppja, qatt ma stenniet li fl-appartament isibu serp *Python* kbir, kukkudrill u żewġ *Iguanas*. Dan il-każ seħħ viċin Bondi Beach, fil-belt ta' Sydney. John Cavaleri ġie mmultat $1,000 wara li nstab ħati li kellu fil-pussess tiegħu annimali eżotiċi u protetti.

### *Dawl u mużika għal fenek ta' l-Indì*

Ġermaniż li telaq fuq btala ħalla l-isterjo u d-dawl jixgħel fl-appartament tiegħu biex il-fenek ta' l-Indì li qiegħed irabbi ma jħossux waħdu. Il pulizija fil belt ta' Bremen sabu dan wara li sfrundaw il-bieb ta' barra meta waslilhom rapport li l-Ġermaniż seta' kien mejjet ġewwa. Il-ġirien ċemplu lill-pulizija wara li għal ħamest ijiem sħaħ kienu ilhom jisimgħu l-mużika tgħajjat mill-appartament u meta marru jħabbtulu, ma rrisponda ħadd. Ħabiba tal-Ġermaniż qalet li hija kienet tmur fl-appartament biex titma' l-fenek ta' l-Indì u tagħtih l-ilma u wegħdet li titfi l-isterjo u tmur aktar spiss. Sidu baqa' ma nstabx u hu maħsub li jinsab barra l-pajjiż.

### *Tajjar ħelikopter biex wassal pizza*

Bdot Ingliż ta' l-armata ġie ddixiplinat mis-superjur tiegħu talli uża helicopter ta' kontra t-tankijiet biex iwassal pizza lit-tfajla tiegħu. Il-bdot, mas-*659 Army Air Corps* f'Suffolk, fil-Lvant ta' l-Ingilterra, kien fuq manuvri militari meta waddab il-pizza lill-maħbuba tiegħu li kienet qiegħda tieħu sehem f'eżerċizzju militari 50km 'l bogħod. Huwa ġie mwissi iżda ma tilifx il-liċenzja ta' bdot.

### *Indjan iħobb jiekol il-wirdien*

Indjan jittama li jniżżel ismu fil-ktieb tar-rekords billi jiekol 50 wirdiena f'minuta. Ramesh Kumar, minn Coimbatore fin-nofsinhar ta' l-Indja, qal li ilu jiekol il-wirdien minn mindu kien żgħir. Hu ammetta li dawn jogħġbuh ħafna u fetaħ l-aptit ukoll għal insetti oħra u l-gremxul. Ir-raġel, li jaħdem fid-deheb, qal li bħalissa r-rekord hu ta' 36 wirdiena f'minuta imma jinsab ċert li kapaċi jniżżel 50 minnhom qisu mhux hu! "Qatt ma bżajt minnhom jew dejquni," qal Ramesh. "Meta kont żgħir kilt waħda bi żball, ma ddejjaqtx u, arani issa, irrid nikser *record* bihom!" Minbarra li jikolhom Ramesh, li għandu 26 sena, jixtieq li jgħaddi tlett ijiem magħluq f'kaxxa tal-ħġieġ flimkien ma' 25,000 wirdiena. X'ġennata!

## TIFKIRIET TA' L-IMGĦODDI -21



### *ĠEJ L-ARĊISQOF BIL-KARROZZIN!*

Kif jinbidlu ż-żminijiet! Hawn jidher l-Arċisqof ta' Malta Dom Mawru Caruana qrib l-1930, nieżel minn fuq il-karrozzin sabiħ li kellu, għal Viżta Pastorali f'parroċċa. Ifli daqsxejn b'liema pompa u dekor kienu mżejna ż-żwiemel, il-paġġi, il-kuċċier... u l-Arċisqof bil-kappell aħdar!

# Dħalna fis-sena 2005...

## Is-Sittin Sena tar-Rivista Tagħna l-Għawdxin

# Il-Ħajja f'Għawdex




## Inkomplu nisbieħu flok neqdiemu...

**FEATURES ĠODDA!**

- **Statistika Għawdxija**
- **Tieqa fuq l-Ambjent Għawdxi**
- **Paġna ta' pariri għaż-Żgħażagħ**

**LOGOS ĠODDA!**

**Qed nagħtu stil aktar attraenti lill-qoxra u lill-paġni l-oħra, b'ritratti u logos differenti.**




**ABBONATI ĠODDA!**

**Se nniedu kampanja qawwija għal aktar abbonamenti fost l-Għawdxin.**




*Ġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2005, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla' din il-formola u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew money order ta' Lm3 jew Lm5 lill-* ***Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria VCT111, Għawdex.***

---

**Isem** ______________________

**Indirizz** ______________________

*Nixtieq nabbona (ġdid)* ☐ *jew inġedded l-abbonament* ☐ *għall-2005*

☐ *Lm3 Abbonament Regolari*

☐ *Lm 5 Abbonament Sostenitur* FIRMA ______________________


EXALTATA EST SANCTA DEI GENITRIX